ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 72

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 52

26 ta' Marzu 2009

Avviż Nru | Werrej | Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni**

2009/C 72/01 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar it-Trattament ta' Assi indeboliti fis-Settur Bankarju tal-Komunità ........ 1

2009/C 72/02 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5364 — Iberia/Vueling/Clickair) ([1]) 23

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni**

2009/C 72/03 Rata tal-kambju ta' l-euro ........ 24

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2009/C 72/04 Fl-artikolu 15 tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 ........ 25

MT

Prezz:
18 EUR

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

INFORMAZZJONI DWAR L-ISPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

**L-Awtorità ta' Sorveljanza EFTA**

2009/C 72/05 Sejħa biex jitressqu kummenti skont l-Artikolu 1(2) fil-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn l-Istati EFTA dwar it-twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja dwar l-għajnuna mill-Istat rigward it-tassazzjoni ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni *captive* (kumpaniji tal-assigurazzjoni li jkopru r-riskju tal-kumpanija jew grupp ta' kumpaniji li jikkontrollahom) fil-Liechtenstein .............................. 50

V *Avviżi*

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni**

2009/C 72/06 Id-Deċiżjoni Nru 842 tat-23 ta' Diċembru 2008 dwar il-ftuħ ta' proċedura għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni ta' żejt u gass — Riżorsi naturali ta' taħt l-art skont l-Artikolu 2(1)(3) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art, fil-Blokk 1-5 "Devetaki", li jinsab fil-provinċji ta' Loven, Pleven u Gabrovo u n-notifikazzjonijiet rigward il-kompetizzjoni prevista għall-għoti tal-awtorizzazzjoni .............................. 52

2009/C 72/07 Id-Deċiżjoni Nru 843 tat-23 ta' Diċembru 2008 dwar il-ftuħ ta' proċedura għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni ta' żejt u gass — Riżorsi naturali ta' taħt l-art skont l-Artikolu 2(1)(3) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art, fil-Blokk 1-9 "Miziya", li jinsab fil-provinċja ta' Vratsa, u n-notifikazzjoniji rigward il-kompetizzjoni prevista għall-għoti tal-awtorizzazzjoni .............................. 54

2009/C 72/08 Id-Deċiżjoni Nru 844 tat-23 ta' Diċembru 2008 dwar il-ftuħ ta' proċedura għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni ta' żejt u gass — Riżorsi naturali ta' taħt l-art skont l-Artikolu 2(1)(3) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art, fil-Blokk 1-10 "Botevo", li jinsab fil-provinċji ta' Vratsa u Montana, u n-notifikazzjoniji rigward il-kompetizzjoni prevista għall-għoti tal-awtorizzazzjoni ........... 56

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni**

2009/C 72/09 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel .............................. 58

2009/C 72/10 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u tal-oġġetti tal-ikel .............................. 62

MT

(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)

Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna

2009/C 72/11 Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ..................................................................................................... 67

MT

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI

## Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar it-Trattament ta' Assi indeboliti fis-Settur Bankarju tal-Komunità

(2009/C 72/01)

### 1. INTRODUZZJONI

(1) Sa minn nofs l-2007, il-funzjonament ta' swieq ta' kreditu bl-ingrossa sofra tfixkil serju. Ir-riżultat kien tnaqqis qawwi fil-likwidità fis-settur bankarju u nuqqas ta' rieda min-naħa tal-banek sabiex isellfu lil xulxin u lill-ekonomija inġenerali. Minħabba li t-tfixkil tas-swieq ta' kreditu intensifika ruħu matul dawn l-aħħar tmintax-il xahar, il-kriżi finanzjarja intensifikat ruħha u l-ekonomija globali daħlet f'reċessjoni serja.

(2) Huwa diffiċli li timmaġina riżoluzzjoni tal-kriżi finanzjarja u rkupru fl-ekonomija globali mingħajr stabbiltà assigurata fis-settur bankarju u fis-sistema finanzjarja inġenerali. Ikun biss meta jseħħ dan li terġa' tiġi stabbilita l-kunfidenza tal-investituri u l-banek jerġgħu lura għall-imġiba normali tagħhom fir-rigward tas-self. Għaldaqstant, l-Istati Membri poġġew fis-seħħ miżuri biex jappoġġjaw l-istabbiltà tal-setturi bankarji tagħhom u jappoġġjaw is-self, partikolarment l-injezzjoni ta' kapital ġdid bl-użu ta' fondi pubbliċi u l-għoti ta' garanziji tal-gvern għal self bankarju. Dawn il-miżuri kienu mħabbra f'Ottubru 2008 u ġew implimentati gradwalment matul l-aħħar xhur.

(3) Riċentement, bosta Stati Membri ħabbru l-intenzjoni tagħhom li jikkomplementaw il-miżuri ta' appoġġ eżistenti billi jipprovdu xi forma ta' salvataġġ tal-assi bankarji indeboliti. Dawn it-tħabbiriet, b'mod parallel ma' inizjattiva simili fl-Istati Uniti, qanqlu dibattitu usa' fi ħdan il-Komunità fuq il-merti ta' salvataġġ tal-assi bħala miżura ta' sostenn governattiv għall-banek. Fil-kuntest ta' dak id-dibattitu, din il-Komunikazzjoni ġiet imħejjija mis-servizzi tal-Kummissjoni, b'konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), u tibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa fil-5 Frar 2009 mill-Eurosystem (ara Anness I).

(4) Il-Komunikazzjoni tiffoka fuq kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati mill-Istati Membri meta jkunu qed jikkunsidraw, ifasslu u jimplimentaw miżuri ta' salvataġġ tal-assi. Fuq livell ġenerali, dawn il-kwistjonijiet jinkludu l-iskop tas-salvataġġ tal-assi bħala miżura biex tiġi mħarsa l-istabbiltà finanzjarja u jiġi appoġġjat is-self mill-banek; l-għoti ta' importanza lill-kunsiderazzjonijiet aktar fit-tul ta' vijabbiltà tas-settur bankarju u sostenibbiltà baġitarja meta jkunu qed jiġu kkunsidrati l-miżuri ta' salvataġġ tal-assi; u l-ħtieġa għal approċċ Komunitarju komuni u kkoordinat għas-salvataġġ tal-assi, b'mod partikolari biex ikun żgurat li jkun hemm ambjent ekwu għan-negozju. Fil-kuntest ta' dan l-approċċ Komunitarju, il-Komunikazzjoni toffri wkoll linji gwida aktar speċifiċi dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ tal-assi, li jiffukaw fuq kwistjonijiet bħal (i) it-trasparenza u l-obbligi ta' żvelar; (ii) it-tqassim tal-piż bejn l-Istat, l-azzjonisti u l-kredituri; (iii) l-allinjament tal-inċentivi għall-benefiċjarji mal-objettivi tal-politika pubblika; (iv) il-prinċipji għat-tfassil ta' miżuri ta' salvataġġ tal-assi f'termini ta' eliġibbiltà, il-valutazzjoni u l-ġestjoni ta' assi indeboliti; u (v) ir-relazzjoni bejn salvataġġ tal-assi, miżuri ta' appoġġ oħra tal-gvern u r-ristrutturar tal-banek.

## 2. SALVATAĠĠ TAL-ASSI BĦALA MIŻURA BIEX TIĠI SSALVAGWARDJATA L-ISTABBILTÀ FINANZJARJA U JIĠI APPOĠĠJAT IS-SELF MILL-BANEK

(5) L-għanijiet immedjati tal-pakketti ta' salvataġġ tal-Istati Membri mħabbra f'Ottubru 2008 huma li jissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja u tiġi sostnuta l-provvista ta' kreditu lill-ekonomija reali. Huwa kmieni wisq biex wieħed jiġbed konklużjonijiet definittivi dwar l-effikaċja tal-pakketti, iżda huwa ċar li dawn biegħdu r-riskju ta' kollass finanzjarju u appoġġjaw il-funzjonament ta' swieq interbankarji importanti. Min-naħa l-oħra, l-evoluzzjoni fis-self għall-ekonomija reali wara t-tħabbira tal-pakketti ma kenitx favorevoli, bi statistiċi reċenti juru deċellerazzjoni qawwija fit-tkabbir tal-kreditu ([1]). F'ħafna Stati Membri, ir-rapporti ta' impriżi li qed jiġi rrifjutat lilhom l-aċċess għall-kreditu mill-banek issa huma mifruxa u jidher li l-pressjoni fuq il-kreditu tmur lil hinn minn dak iġġustifikat minn kunsiderazzjonijiet ċikliċi.

(6) Raġuni ewlenija identifikata għall-fluss mhux suffiċjenti ta' kreditu hija l-inċertezza dwar il-valur tal-assi indeboliti, u dwar fejn dawn fil-fatt jinsabu, li kienet sors ta' problemi fis-settur bankarju sa mill-bidu tal-kriżi. Inċertezza dwar il-valuri tal-assi mhux biss kompliet iddgħajjef il-kunfidenza fis-settur bankarju, iżda dgħajfet l-effett tal-miżuri ta' appoġġ mill-gvern miftiehma f'Ottubru 2008. Pereżempju, ir-rikapitalizzazzjoni tal-banek ipprovdiet protezzjoni kontra l-indeboliment tal-assi iżda ħafna mill-protezzjoni kapitali pprovduta ġiet assorbita mill-banek fi provvedimenti kontra indebolimenti futuri tal-assi. Il-banek diġà ħadu passi biex jindirizzaw il-problema tal-assi indeboliti. Huma rreġistraw tniżżil sostanzjali fil-valuri tal-assi ([2]), ħadu passi biex jillimitaw it-telf li fadal permezz tar-riklassifikazzjoni ta' assi fil-karti tal-bilanċ tagħhom u gradwalment warrbu kapital addizzjonali sabiex isaħħu l-pożizzjonijiet tas-solvenza tagħhom. Madankollu, il-problema ma ġietx solvuta sa grad suffiċjenti u l-gravità mhux mistennija tat-tnaqqis ekonomiku issa tissuġġerixxi deterjorament addizzjonali u aktar mifrux fil-kwalità tal-kreditu tal-assi tal-banek.

(7) Is-salvataġġ tal-assi jindirizza direttament il-kwistjoni tal-inċertezza dwar il-kwalità tal-karti tal-bilanċ tal-banek u għalhekk jgħin biex terġa' titqajjem il-kunfidenza fis-settur. Huwa jista' jgħin ukoll biex jiġi evitat ir-riskju ta' eżerċizzji ripetuti ta' rikapitalizzazzjoni tal-banek hekk kif id-dimensjoni tal-indeboliment tal-assi tikber f'sitwazzjoni ta' deterjorament fl-ekonomija reali. Abbażi ta' dan, bosta Stati Membri qed jikkunsidraw b'mod attiv salvataġġ tal-assi għal assi bankarji indeboliti biex jissupplimentaw miżuri oħra fl-implimentazzjoni tal-istrateġija miftiehma mill-Kapijiet ta' Stat u Gvern f'Ottubru 2008.

## 3. KUNSIDERAZZJONIJIET AKTAR FIT-TUL: LURA GĦALL-VIJABBILTÀ FIS-SETTUR BANKARJU U S-SOSTENIBBILTÀ TAL-FINANZI PUBBLIĊI

(8) Il-miżuri ta' salvataġġ tal-assi għandhom ikunu mfassla u implimentati fil-manjiera li tikseb bl-aktar mod effettiv l-għanijiet immedjati li tiġi mħarsa l-istabbiltà finanzjarja u jiġi sostnut is-self mill-banek. Kwistjoni importanti li għandha tiġi indirizzata f'dan il-kuntest hija li tiġi żgurata parteċipazzjoni xierqa fil-miżuri ta' salvataġġ tal-assi permezz tal-iffissar ta' prezzijiet u kundizzjonijiet xierqa u permezz tal-parteċipazzjoni obbligatorja jekk meqjusa bħala meħtieġa. Madankollu, l-enfasi fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' salvataġġ tal-assi m'għandhiex tkun limitata għal dawn l-għanijiet immedjati. Huwa essenzjali li jitqiesu wkoll kunsiderazzjonijiet aktar fit-tul.

(9) Jekk miżuri ta' salvataġġ tal-assi ma jiġux imwettqa b'tali mod li jiġi delimitat il-periklu ta' tfixkil serju tal-kompetizzjoni fost il-banek (kemm fl-Istati Membri u fuq bażi transkonfinali) f'konformità mar-regoli tal-għajnuna mill-Istat tat-Trattat tal-KE, inkluż fejn meħtieġ ir-ristrutturar ta' benefiċjarji, l-eżitu jkun li s-settur bankarju tal-Komunità jkun strutturalment aktar dgħajjef b'implikazzjonijiet negattivi għall-potenzjal tal-produzzjoni fl-ekonomija inġenerali. Barra minn hekk, dan jista' jwassal għal ħtieġa rikorrenti għal interventi governattivi fis-settur, li jimplika piż progressivament itqal fuq il-finanzi pubbliċi. Dawn ir-riskji huma serji minħabba l-iskala probabbli tal-iskopertura tal-Istat. Sabiex jiġi limitat ir-riskju ta' ħsara fit-tul bħal din, l-interventi governattivi fis-settur bankarju għandhom ikunu mmirati

---

([1]) Filwaqt li d-dejta uffiċjali għaż-żona tal-euro tissuġġerixxi li s-self tal-banek lill-impriżi għadu b'saħħtu, ix-xejra sottostanti qed tiddgħajjef, bi tnaqqis sostanzjali fir-rati tat-tkabbir tas-self xahar fuq xahar lejn tmiem l-2008. F'Diċembru 2008, is-self tal-banek lill-ekonomija privata (self mhux lil MFI, esklużi l gvernijiet) naqas b'0,4 % meta mqabbel ma' Novembru.

([2]) Sa minn nofs l-2007 sa llum, kien hemm total ta' USD 1 063 biljun fi tnizzil fil-valuri kontabbli tal-assi, li minnhom USD 737,6 biljun ġew irrappurtati minn banek ibbażati fl-Istati Uniti u USD 293,7 li ġew irrappurtati minn banek ibbażati fl-Ewropa. Minn dawn tal-aħħar, USD 68 biljun ġew irrappurtati fl-Iżvizzera. Minkejja l-iskala tat-tniżżil fil-valur kontabbli tal-assi diġà rrapurtat, l-IMF bħalissa tikkalkula li t-total ta' telf tal-banek relatat ma' indeboliment tal-assi probabbilment jilħaq l-USD 2 200 biljun. Din l-istima hija bbażata fuq il-holdings globali ta' dejn ta' ipoteki, tal-konsumaturi u l-kumpaniji, li oriġina u ġie titolizzat fl-Istati Uniti u żdied kontinwament sa mill-bidu tal-kriżi. Xi kummentaturi tas-suq huma tal-fehma li t-telf totali jista' jkun sostanzjalment ogħla. Pereżempju, Nouriel Roubini, li konsistentement sahaq li l-istimi uffiċjali huma baxxi wisq, issa qed jgħid li t-telf totali jista' jkun ta' USD 3 600 biljun għall-Istati Uniti biss.

kif xieraq u akkompanjati minn salvagwardji tal-imġiba li jallineaw l-inċentivi tal-banek ma' dawk tal-politika pubblika. Dawn il-miżuri għandhom jiffurmaw parti mill-isforz ġenerali biex is-settur bankarju jerġa' jsir vijabbli, fuq il-bażi tar-ristrutturazzjoni meħtieġa. Il-ħtieġa għar-ristrutturazzjoni fis-settur bankarju bħala kontroparti tal-appoġġ tal-gvern hija diskussa f'aktar dettall fil-kuntest tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat aktar tard fit-Taqsimiet 5 u 6.

(10) Meta jkunu qed jikkunsidraw it-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' salvataġġ tal-assi, huwa wkoll essenzjali li l-Istati Membri jqisu l-kuntest tal-baġit. Stimi tat-tniżżil totali mistenni tal-assi jissuġġerixxu li l-ispejjeż baġitarji — attwali, kontinġenti jew it-tnejn — tas-salvataġġ tal-assi jistgħu jkunu sostanzjali — kemm f'termini assoluti u kif ukoll b'mod relattiv mal-PGD fl-Istati Membri. L-appoġġ tal-gvern permezz ta' salvataġġ tal-assi (u miżuri oħra) m'għandux ikun fuq skala tant kbira li joħloq tħassib dwar is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi bħal dak dwar dejn eċċessiv jew problemi ta' finanzjament. Kunsiderazzjonijiet bħal dawn huma partikolarment importanti fil-kuntest attwali ta' tkabbir fl-iżbilanċi baġitarji, livelli ta' dejn pubbliku li qed jogħlew u l-isfidi li qed jiġu ffaċċjati fil-ħruġ ta' bonds sovrani.

(11) Aktar speċifikament, il-qagħda baġitarja tal-Istati Membri ser tkun kunsiderazzjoni importanti fl-għażla ta' arranġament ta' amministrazzjoni għall-assi li huma soġġetti għas-salvataġġ, jiġifieri xiri ta' assi, assigurazzjoni tal-assi, skambju ta' assi jew ibridi ta' tali arranġamenti ([1]). L-implikazzjonijiet għall-kredibbiltà baġitarja ma jistgħux ivarjaw b'mod sinifikanti bejn id-diversi approċċi għas-salvataġġ tal-assi, għax is-swieq finanzjarji x'aktarx jiskontaw telf potenzjali fuq bażi simili ([2]). Madankollu, approċċ li jirrikjedi x-xiri ta' assi indeboliti jkollu impatt aktar immedjat fuq il-proporzjonijiet tal-baġit u l-finanzjament mill-Gvern. Filwaqt li l-għażla ta' arranġament ta' amministrazzjoni tal-assi indeboliti hija r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru, jistgħu jitqiesu approċċi mħallta li permezz tagħhom assi ħżiena huma mifrudin mill-karta tal-bilanċ tal-banek f'entità separata (jew ġewwa jew barra mill-banek) li jibbenefika b'xi mod minn garanzija tal-gvern. Dan l-approċċ huwa attraenti peress li jipprovdi ħafna mill-benefiċċji tal-approċċ tax-xiri tal-assi mill-perspettiva tal-għoti lura tal-kunfidenza fis-sistema bankarja, filwaqt li jillimita l-impatt baġitarju immedjat.

(12) F'kuntest ta' riżorsi baġitarji skarsi, jista' jkun xieraq li tiffoka miżuri ta' salvataġġ tal-assi fuq numru limitat ta' banek ta' importanza sistemika. Għal xi Stati Membri, is-salvataġġ tal-assi għall-banek jista' jiġi limitat ħafna, minħabba r-restrizzjonijiet baġitarji eżistenti tagħhom u/jew id-daqs tal-karti tal-bilanċ tal-banek tagħhom meta mqabbla mal-PGD.

## 4. **ĦTIEĠA GĦAL APPROĊĊ KOMUNI U KKOORDINAT TAL-KOMUNITÀ**

(13) Meta jkunu qed jitqiesu xi forom ta' miżuri ta' salvataġġ tal-assi, hemm bżonn li jiġu rrikonċiljati l-għanijiet immedjati ta' stabbiltà finanzjarja u self bankarju mal-ħtieġa li jiġi evitat dannu fit-tul għas-settur bankarju fi ħdan il-Komunità, għas-suq uniku u għall-ekonomija inġenerali. Dan jista' jinkiseb bl-aktar mod effettiv permezz ta' approċċ komunitarju komuni u kkoordinat, bl-għanijiet ġenerali li ġejjin:

(a) Li tingħata spinta lill-fiduċja fis-suq billi tintwera l-kapaċità ta' reazzjoni effettiva fuq il-livell Komunitarju għall-kriżi finanzjarja u jinħoloq l-ispazju għal effetti pożittivi fost l-Istati Membri u fis-swieq finanzjarji usa'.

(b) Li jiġu limitati effetti negattivi fost l-Istati Membri, fejn l-introduzzjoni ta' miżuri ta' salvataġġ tal-assi minn Stat Membru li jieħu l-ewwel pass, tirriżulta fi pressjoni fuq Stati Membri oħra sabiex isegwuh u jkun hemm ir-riskju li tibda kompetizzjoni tas-sussidji bejn l-Istati Membri;

([1]) Dawn l-arranġamenti huma diskussi f'aktar dettall fl-Anness II.

([2]) Ix-xiri ta' assi mill-gvern m'għandux għalfejn jimplika spejjeż baġitarji kbar fit-tul jekk parti sostanzjali mill-assi akkwistati jistgħu sussegwentement jinbiegħu bi profitt (ara l-eżempji tal-Istati Uniti u l-Iżvezja fl-Anness II). Madankollu, huwa jimplika ħruġ immedjat mill-baġit li jista' jżid id-dejn pubbliku gross u l-ħtiġijiet grossi ta' finanzjament tal-gvern. Approċċ ibbażat fuq l-iskambju ta' dejn tal-gvern ma' assi indeboliti jista' jintuża sabiex titħaffef il-problema operattiva fir-rigward tal-ħruġ, iżda ma jevitax l-impatt fuq iċ-ċifri baġitarji jew żieda fil-provvista ta' dejn tal-gvern fuq is-suq.

(c) Li jitħares is-suq uniku fis-servizzi finanzjarji billi tiġi assigurata l-konsistenza fil-miżuri ta' salvataġġ tal-assi meħuda mill-Istati Membri u li ma jidħolx il-protezzjoniżmu finanzjarju.

(d) Li tiġi żgurata konformita' mal-obbligi tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat u kwalunkwe obbligi legali oħra billi tkompli tiġi assigurata aktar il-konsistenza fost il-miżuri ta' salvataġġ tal-assi, u billi jitnaqqsu għall-minimu kemm it-tfixkil tal-kompetizzjoni kif ukoll ir-riskju morali.

(14) Il-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri tkun meħtieġa biss fuq il-livell ġenerali u tista' tintlaħaq filwaqt li tinżamm biżżejjed flessibiltà sabiex jitfasslu miżuri għas-sitwazzjonijiet speċifiċi ta' banek individwali. Fin-nuqqas ta' koordinazzjoni *ex ante* suffiċjenti, ħafna minn dawn l-objettivi ser jiġu ssodisfati biss permezz ta' obbligi ta' kontrolli *ex post* addizzjonali għall-għajnuna mill-Istat. Għaldaqstant, linji gwida komuni dwar il-karatteristiċi bażiċi tal-miżuri ta' salvataġġ jgħinu biex tiġi mminimizzata l-ħtieġa għal korrezzjonijiet u aġġustamenti b'riżultat ta' evalwazzjoni skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat. Dawn il-linji gwida huma pprovvduti fit-taqsimiet li ġejjin.

5. **LINJI GWIDA DWAR L-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLI DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT GĦALL-MIŻURI TA' SALVATAĠĠ TAL-ASSI**

(15) Huwa d-dmir normali tal-banek li jevalwaw ir-riskju tal-assi li huma jakkwistaw u li jiżguraw li huma jistgħu jkopru kwalunkwe telf assoċjat ([1]). Madankollu, jista' jitqies li s-salvataġġ tal-assi huwa ta' appoġġ għall-istabbiltà finanzjarja. Il-miżuri pubbliċi ta' salvataġġ tal-assi huma għajnuna mill-Istat peress li huma jeħilsu lill-bank benefiċjarju mill-bżonn li jirreġistra telf jew jagħmel riżerva għal telf possibbli fuq l-assi indeboliti tiegħu (jew jikkumpensawh għal dawn) u/jew jeħilsu l-kapital regolatorju tiegħu għal użi oħra. Dan ikun partikolarment il-każ fejn assi indeboliti jinxtraw jew jiġu assigurati fuq valur ogħla mill-prezz tas-suq, jew jekk il-prezz tal-garanzija ma jikkumpensax lill-Istat għar-responsabbiltà massima possibbli tiegħu taħt il-garanzija ([2]).

(16) Kwalunkwe għajnuna għall-miżuri ta' salvataġġ tal-assi għandhom, madankollu, jikkonformaw mal-prinċipji ġenerali tan-neċessità, il-proporzjonalità u l-minimizzazzjoni tat-tfixkil tal-kompetizzjoni. Assistenza bħal din timplika tfixkil serju tal-kompetizzjoni bejn il-banek li huma benefiċjarji u dawk li mhumiex benefiċjarji u fost banek benefiċjarji bi gradi differenti ta' bżonn. Banek li mhumiex benefiċjarji u li huma fundamentalment sodi jistgħu jħossuhom obbligati li jikkunsidraw li jitolbu l-intervent tal-gvern sabiex jippriżervaw il-pożizzjoni kompetittiva tagħhom fis-suq. Tfixkil simili tal-kompetizzjoni jista' jseħħ ukoll fost l-Istati Membri, bir-riskju ta' kompetizzjoni tas-sussidji bejn l-Istati Membri (li jippruvaw isalvaw lill-banek tagħhom mingħajr ma jqisu l-effetti fuq il-banek fl-Istati Membri l-oħra) u moviment lejn il-protezzjoniżmu finanzjarju u l-frammentazzjoni tas-suq intern. Il-parteċipazzjoni fliskema ta' salvataġġ tal-assi għandha għalhekk tkun kondizzjonata fuq kriterji oġġettivi u definiti b'mod ċar, sabiex jiġi evitat li banek individwali jieħdu vantaġġ mhux ġustifikat.

(17) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prinċipji li jirregolaw l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u, b'mod partikolari, l-Artikolu 87(3)(b) tat-Trattat tal-KE għal kwalunkwe miżura ta' sostenn għall-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja globali *fil-Komunikazzjoni dwar il-Banek tagħha* ([3]). Sussegwentement, f'Komunikazzjoni riċenti, il-Kummissjoni pprovdiet linji gwida aktar dettaljati dwar l-implimentazzjoni prattika ta' dawn il-prinċipji għar-rikapitalizzazzjoni — *Ir-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kriżi finanzjarja kurrenti: Limitazzjoni tal-għajnuna għall-minimu neċessarju u salvagwardji kontra tfixkil mhux xieraq tal-kompetizzjoni* ([4]). Fl-istess sens, il-linji gwida li ġejjin, ibbażati fuq l-istess prinċipji, jidentifikaw il-karatteristiċi ewlenin ta' miżuri jew skemi ta' salvataġġ tal-assi li jiddeterminaw l-effikaċja tagħhom kif ukoll l-impatt tagħhom fuq il-kompetizzjoni. Dawn il-linji gwida japplikaw ugwalment għall-banek kollha li huma mogħtija salvataġġ tal-assi irrispettivament mis-sitwazzjoni individwali iżda

([1]) Il-banek tipikament iżommu varjetà ta' assi, inklużi: flus, assi finanzjarji (treasury bills, titoli ta' dejn, titoli ta' ekwità, self innegozjat, u prodotti bażiċi), derivattivi (swaps u opzjonijiet), self, investimenti finanzjarji, assi intanġibbli, propjetà, impjanti u tagħmir. Jista' jiġi sofrut telf meta l-assi jinbiegħu b'anqas mill-valur kontabbli tagħhom, meta l-valur tagħhom jonqos u r-riżervi maħluqa meta jkun hemm telf possibbli jew *ex post* meta l-flussi tad-dħul mal-maturità huma anqas mill-valur kontabbli.

([2]) Garanzija hija preżunta li tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat meta l-bank benefiċjarju ma jistax isib operatur privat indipendenti fis-suq li hu lest jipprovdi garanzija simili. L-ammont tal-għajnuna mill-Istat huwa l-obbligazzjoni massima netta għall-Istat.

([3]) ĠU C 270, 25.10.2008, p. 8.

([4]) ĠU C 10, 15.1.2009, p. 2.

l-implikazzjonijiet prattiċi tal-applikazzjoni tagħhom tista' tvarja skont il-profil tar-riskju u l-vijabbiltà tal-benefiċjarju. Il-prinċipji ta' dawn il-linji gwida japplikaw *mutatis mutandis* fejn żewġ Stati Membri jikkoordinaw miżuri sabiex jipprovdu salvataġġ tal-assi għal banek transkonfinali.

(18) Il-linji gwida preżenti jimmiraw li jistabbilixxu prinċipji u kundizzjonijiet ikkoordinati sabiex, kemm jista' jkun, tiġi żgurata l-effikaċja ta' miżuri ta' salvataġġ tal-assi fis-suq uniku, filwaqt li jittieħed kont tal-għan fuq tul ta' żmien, li mmorru lura għal kundizzjonijiet normali tas-suq, filwaqt li jibqgħu flessibbli biżżejjed sabiex jaħsbu għall-karatteristiċi speċifiċi jew jipprovdu miżuri jew proċeduri addizzjonali fuq il-livell individwali jew nazzjonali għal raġunijiet ta' stabbiltà finanzjarja. Miżuri effettivi ta' salvataġġ tal-assi għandu jkollhom bħala konsegwenza ż-żamma tas-self lill-ekonomija reali.

### 5.1. Identifikazzjoni xierqa tal-problema u l-għażliet għal soluzzjoni: trasparenza *ex-ante* sħiħa u l-iżvelar tal-indebolimenti u valutazzjoni inizjali tal-banek eliġibbli

(19) Kwalunkwe miżura ta' salvataġġ tal-assi trid tkun ibbażata fuq l-identifikazzjoni ċara tal-kobor tal-problemi li l-bank ikollu fir-rigward tal-assi, is-solvenza intrinsika tiegħu qabel l-appoġġ u l-prospetti li jkollu sabiex jerġa' lura għall-vijabbiltà, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq l-alternattivi kollha possibbli, sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' ristrutturar, tiġi evitata distorsjoni tal-inċentivi tal-atturi kollha u tiġi evitata l-ħela ta' riżorsi Statali mingħajr ma jkun hemm kontribut sabiex jerġa' jibda l-fluss normali ta' kreditu għall-ekonomija reali.

(20) Għalhekk, sabiex jiġi minimizzat ir-riskju ta' ħtieġa mill-ġdid għal interventi tal-Istat favur l-istess benefiċjarji, għandhom jiġu sodisfatti l-kriterji li ġejjin bħala prerekwiżit sabiex wieħed jibbenefika mis-salvataġġ tal-assi:

(a) Applikazzjonijiet għall-għajnuna għandhom ikunu suġġetti għal trasparenza sħiħa *ex-ante* u l-iżvelar ta' indebolimenti minn banek eliġibbli dwar l-assi li jkunu ser jiġu koperti mill-miżuri ta' salvataġġ, fuq il-bażi ta' valutazzjoni xierqa, iċċertifikata minn esperti indipendenti rikonoxxuti u vvalidata mill-awtorità rilevanti ta' sorveljanza, f'konformità mal-prinċipji tal-valutazzjoni żviluppati fit-taqsima 5.5 ([1]). Dan l-iżvelar ta' indebolimenti għandu jsir qabel l-intervent tal-gvern. Dan għandu jwassal għall-identifikazzjoni tal-ammont tal-għajnuna u tat-telf għall-bank mit-trasferiment tal-assi ([2]).

(b) L-applikazzjoni għall-għajnuna minn bank individwali għandha tiġi segwita minn analiżi sħiħa tal-attivitajiet u l-karta tal-bilanċ ta' dak il-bank, bil-ħsieb li tiġi vvalutata l-adegwatezza ta' kapital tal-bank u l-prospetti tiegħu għall-vijabbiltà futura (analiżi tal-vijabbiltà). Din ir-reviżjoni għandha sseħħ b'mod parallel maċ-ċertifikazzjoni tal-assi indeboliti koperti mill-programm tas-salvataġġ tal-assi iżda, minħabba d-daqs tagħha, tista' tiġi finalizzata wara li l-bank jidħol fil-programm tas-salvataġġ tal-assi. Ir-riżultati tal-analiżi tal-vijabbiltà għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni u se jitqiesu fil-valutazzjoni tal-miżuri sussegwenti meħtieġa (ara t-taqsima 6).

### 5.2. Tqassim tal-piż tal-ispejjeż relatati ma' assi indeboliti bejn l-Istat, l-azzjonisti u l-krendituri

(21) Bħala prinċipju ġenerali, il-banek għandhom iġorru t-telf assoċjat ma' assi indeboliti sal-limitu massimu. Dan jirrikjedi, l-ewwel nett, trasparenza sħiħa u żvelar *ex ante*, segwiti mill-valutazzjoni korretta tal-assi qabel l-intervent tal-gvern u remunerazzjoni korretta tal-Istat għall-miżura ta' salvataġġ tal-assi, tkun xi tkun il-forma tagħha, sabiex tiġi żgurata responsabbiltà u rfigħ tal-piż ekwivalenti mill-azzjonisti

([1]) Bla ħsara għall-ħtieġa li l-impatt fuq il-karta tal-bilanċ ta' miżura ta' salvataġġ tal-assi tkun mgħarrfa lill-pubbliku, li jimplika qsim debitu tal-piżijiet, it-termini "trasparenza" u "żvelar sħiħ" għandhom jinftiehmu li jfissru trasparenza fir-rigward tal-awtoritajiet nazzjonali, l-esperti indipendenti involuti u l-Kummissjoni Ewropea.

([2]) L-ammont tal-għajnuna jikkorrispondi mad-differenza bejn il-valur tat-trasferiment tal-assi (normalment ibbażat fuq il-valur ekonomiku reali tagħhom) u l-prezz tas-suq. F'dan id-dokument, it-telf sofrut jikkorrispondi mad-differenza bejn il-valur tat-trasferiment u l-valur kontabbli tal-assi. It-telf reali normalment ikun magħruf biss *ex-post*.

irrispettivament mill-mudell preċiż li jintgħażel. Dawn l-elemeti flimkien għandhom iwasslu għal koerenza ġenerali dwar il-qsim tal-piżijiet fuq firxa ta' diversi forom ta' sostenn mill-Istat, fid-dawl tal-karatteristiċi distintivi speċifiċi ta' tipi differenti ta' assistenza ([1]).

(22) Ladarba l-assi jkunu ġew evalwati sew u telf ikun ġie korrettament identifikat ([2]), u jekk dan iwassal għal sitwazzjoni ta' insolvenza teknika mingħajr intervent mill-Istat, il-bank għandu jew jitqiegħed fl-amministrazzjoni jew jiġi stralċjat b'mod ordnat, skont il-liġi Komunitarja u nazzjonali. F'din is-sitwazzjoni, bil-għan li jiġu mħarsa l-istabbiltà u l-kunfidenza finanzjarji, jistgħu jkunu xierqa protezzjoni jew garanziji għad-detenturi tal-bonds ([3]).

(23) Meta għal raġunijiet ta' stabbiltà finanzjarja jidher mhux rakkomandabbli li bank jitqiegħed fl-amministrazzjoni jew jiġi stralċjat b'mod ordnat ([4]), għajnuna fil-forma ta' garanzija jew xiri ta' assi, limitata għall-minimu strett, tista' tingħata lill-banek sabiex ikunu jistgħu jkomplu joperaw għall-perjodu meħtieġ biex jitfassal pjan jew għar-ristrutturar jew għall-istralċ b'mod ordnat. F'każijiet bħal dawn, l-azzjonisti għandhom ikunu wkoll mistennija li jġorru t-telf għall-inqas sakemm jintlaħqu l-limiti regolatorji ta' adegwatezza ta' kapital. L-alternattivi tan-nazzjonalizzazzjoni jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll.

(24) Meta ma jkunx possibbli li jintlaħaq qsim sħiħ tal-piżijiet *ex ante*, il-bank għandu jintalab sabiex jikkontribwixxi għat-telf jew il-kopertura ta' riskju fi stadju aktar tard, pereżempju fil-forma ta' klawsoli ta' restituzzjoni jew, fil-każ ta' skema ta' assigurazzjoni, minn klawsola ta' 'l-ewwel telf', li għandu jitħallas mill-bank (tipikament b'minimu ta' 10 %) u klawsola ta' 'qsim tat-telf residwu', li permezz tagħha l-bank jipparteċipa f'perċentwal (tipikament minimu ta' 10 %) ta' kwalunkwe telf addizzjonali ([5]).

(25) Bħala regola ġenerali, anqas ma tkun il-kontribuzzjoni inizjali, aktar tkun għolja l-ħtieġa għal kontribuzzjoni tal-azzjonisti fi stadju aktar tard, jew fil-forma ta' konverżjoni tat-telf tal-Istat f'ishma tal-bank u/jew fil-forma ta' aktar miżuri ta' kumpens sabiex jiġi limitat it-tfixkil tal-kompetizzjoni meta tiġi vvalutata r-ristrutturazzjoni meħtieġa.

### 5.3. L-allinjament tal-inċentivi għall-banek sabiex jipparteċipaw fis-salvataġġ tal-assi b'għanijiet ta' politika pubblika

(26) Bħala karatteristika ġenerali, programmi ta' salvataġġ tal-assi indeboliti għandu jkollhom perjodu limitat għar-reġistrazzjoni ta' sitt xhur mit-tnedija tal-iskema mill-gvern. Dan jillimita l-inċentivi għall-banek għal dewmien fl-iżvelar meħtieġ bit-tama ta' livelli ogħla ta' għajnuna f'data aktar tard, u jiffaċilita riżoluzzjoni rapida tal-problemi bankarji qabel it-tnaqqis ekonomiku jkompli jaggrava s-sitwazzjoni. Matul il-perjodu ta' sitt xhur, il-banek ikunu jistgħu jippreżentaw gruppi ta' assi eliġibbli li għandhom jiġu koperti mill-miżuri ta' salvataġġ tal-assi, bil-possibbiltà ta' rollover ([6]).

(27) Jista' jkun meħtieġ li jitfasslu mekkaniżmi xierqa sabiex jiġi żgurat li l-banek li jkunu l-aktar fil-bżonn ta' salvataġġ tal-assi jipparteċipaw fil-miżura tal-gvern. Dawn il-mekkaniżmi jistgħu jinkludu l-parteċipazzjoni obbligatorja fil-programm, u għandhom jinkludu mill-inqas żvelar obbligatorju lill-awtoritajiet ta' sorveljanza. L-obbligu għall-banek kollha sabiex jiżvelaw id-daqs tal-problemi tagħhom relatati mal-assi se jikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ċara tal-ħtieġa u l-ambitu neċessarju ta' skema ta' salvataġġ tal-assi fuq il-livell tal-Istat Membru.

---

([1]) Il-miżuri ta' salvataġġ tal-assi huma tista' tgħid komparabbli ma' injezzjonijiet ta' kapital għaliex jipprovdu mekkaniżmu ta' assorbiment tat-telf u għandhom effett kapitali regolatorju. Madankollu, b'dawn tal-ewwel, l-Istat ġeneralment jieħu riskju akbar, fir-rigward ta' portafoll speċifiku ta' assi indeboliti mingħajr kontribuzzjoni diretta tal-attivitijiet l-oħra tal-banek li jiġġeneraw id-dħul u tal-fondi tagħhom, u lil hinn mis-sehem possibbli tiegħu fil-bank. Fid-dawl tar-riskju negattiv akbar u tal-possibilitajiet limitati ta' qligħ, ir-remunerazzjoni għas-salvataġġ tal-assi għandha normalment tkun ogħla milli għal injezzjonijiet ta' kapital.

([2]) Meta jitqabbel il-valur ta' dawk l-assi mal-valur tat-trasferiment tagħhom (jiġifieri l-valur ekonomiku reali tagħhom)

([3]) Il-ħarsien tal-azzjonisti għandu, madankollu, normalment jiġi eskluż. Ara d-Deċiżjonijiet NN 39/08 (id-Danimarka, Għajnuna għal-likwidazzjoni ta' Roskilde Bank) u NN 41/08 (ir-Renju Unit, Għajnuna ta' salvataġġ għal Bradford & Bingley).

([4]) Dan jista' jkun il-każ fejn id-daqs jew it-tip ta' attività tal-bank ma jkunux jistgħu jiġu ġestiti fi proċedura amministrattiva jew ġudizzjarja jew permezz ta' stralċ b'mod ordnat mingħajr implikazzjonijiet sistemiċi perikolużi fuq istituzzjonijiet finanzjarji oħra jew fuq is-self fl-ekonomija reali. Ġustifikazzjoni mill-awtorità monetarja u/jew ta' superviżjoni tkun neċessarja f'dan ir-rigward.

([5]) Fatturi oħra, pereżempju remunerazzjoni ogħla, jistgħu jinfluwenzaw il-livell xieraq. Minbarra dan, għandu jiġi nnutat li l-kumpens *ex-post* jista' jseħħ biss bosta snin wara li l-miżura tkun ġiet introdotta u jista' għalhekk ikollu l-effett negattiv li jtawwal aktar milli meħtieġ l-inċertezza marbuta mal-valutazzjoni tal-assi indeboliti. Klawsoli ta' claw-back ibbażati fuq valutazzjoni *ex-ante* ma jkollhomx din il-problema.

([6]) Kaz ta' *enrolled assets* li jistgħu jimmaturaw wara.

(28) Meta l-parteċipazzjoni m'hijiex obbligatorja, l-iskema tista' tinkludi inċentivi xierqa (bħall-għoti ta' warrants jew drittijiet lill-azzjonisti eżistenti sabiex dawn ikunu jistgħu jipparteċipaw f'attivitajiet ta' ġbir ta' kapital privati futuri b'termini preferenzjali) biex tiġi ffaċilitata l-aċċettazzjoni mill-banek mingħajr ma jitnaqqas xejn mill-prinċipji ta' trasparenza u l-iżvelar, il-valutazzjoni ġusta u l-qsim tal-piżijiet.

(29) Il-parteċipazzjoni wara l-iskadenza tal-perjodu ta' sitt xhur għar-reġistrazzjoni tkun possibbli biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u imprevedibbli li għalihom il-bank ma jkunx responsabbli ([1]), u soġġett għal kundizzjonijiet aktar stretti, bħal remunerazzjoni ogħla lill-Istat u/jew miżuri kompensatorji ogħla.

(30) L-aċċess għas-salvataġġ tal-assi għandu dejjem ikun kondizzjonali fuq numru xieraq ta' restrizzjonijiet fuq l-imġiba. B'mod partikolari, banek benefiċjarji għandhom ikunu suġġetti għal salvagwardji li jiżguraw li l-effetti kapitali tas-salvataġġ jintużaw sabiex jiġi pprovdut il-kreditu sabiex tiġi ssodisfata d-domanda b'mod xieraq skont kriterji kummerċjali u mingħajr diskriminazzjoni u mhux għall-iffinanzjar ta' strateġija ta' tkabbir (b'mod partikolari l-akkwist ta' banek tajbin) għad-detriment tal-kompetituri.

(31) Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll restrizzjonijiet fuq il-politika tad-dividendi u limiti fuq ir-remunerazzjonijiet eżekuttivi. Il-forma speċifika tar-restrizzjonijiet fuq l-imġiba għandha tkun iddeterminata fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-proporzjonalità li tqis id-diversi fatturi li jistgħu jimplikaw il-ħtieġa ta' ristrutturar (ara t-taqsima 6).

### 5.4. **Eliġibbiltà tal-assi**

(32) Meta tkun qed tiġi ddeterminata l-firxa ta' assi eliġibbli għas-salvataġġ, jinħtieġ li jinstab bilanċ bejn li jintlaħaq l-għan immedjat tal-istabbiltà finanzjarja u l-ħtieġa li jiġi żgurat ir-ritorn għall-funzjonament normali tas-suq fuq perjodu ta' tul medju. Assi komunement imsejħa 'assi tossiċi' (eż. titoli Amerikani msejsa fuq ipoteki u koperturi u derivattivi assoċjati), li kienu l-bidu tal-kriżi finanzjarja u li fil-parti l-kbira m'għadhomx likwidi jew huma suġġetti għal tnaqqis qawwi tal-valur tagħhom, jidhru li jirrappreżentaw il-parti l-kbira tal-inċertezza u x-xettiċiżmu dwar il-vijabbiltà tal-banek. Li l-firxa ta' assi eliġibbli tiġi ristretta għal dawn l-assi jillimita l-iskopertura tal-Istat għal telf possibbli u jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' tfixkil tal-kompetizzjoni ([2]). Madankollu, b'miżura ta' salvataġġ ristretta wisq ikun hemm ir-riskju li ma jintlaħaqx għal kollox l-għan li terġa' tiġi stabbilita l-kunfidenza fis-settur bankarju, minħabba d-differenzi bejn il-problemi speċifiċi fl-Istati Membri u l-banek differenti u l-punt safejn il-problema ta' indeboliment issa nfirxet għal assi oħra. Dan huwa argument favur approċċ pragmatiku li jinkludi elementi ta' flessibbiltà, u li jiżgura li assi oħra jibbenefikaw ukoll mill-miżuri ta' salvataġġ sa kemm hu xieraq u fejn hu debitament ġustifikat.

(33) Approċċ Komunitarju komuni u kkoordinat għall-identifikazzjoni tal-assi eliġibbli għall-miżuri ta' salvataġġ huwa meħtieġ sew sabiex jiġi evitat it-tfixkil tal-kompetizzjoni fost l-Istati Membri u fi ħdan is-settur bankarju tal-Komunità, kif ukoll sabiex jiġu limitati l-inċentivi għal banek transkonfinali sabiex iwettqu arbitraġġ fost miżuri ta' salvataġġ nazzjonali differenti. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fl-identifikazzjoni ta' assi eliġibbli fl-Istati Membri, għandhom jiġu żviluppati kategoriji ("gruppi") ta' assi li jirriflettu l-grad ta' indeboliment eżistenti. Linji gwida aktar dettaljati dwar id-definizzjoni ta' dawn il-kategoriji huma pprovduti fl-Anness III. L-użu ta' dawn il-kategoriji ta' assi jista' jiffaċilita l-paragun bejn il-banek u l-profili tar-riskju tagħhom madwar il-Komunità. L-Istati Membri mbagħad ikunu jeħtieġu li jiddeċiedu liema kategoriji ta' assi jistgħu jkunu koperti u sa liema punt, bla ħsara għall-analiżi tal-Kummissjoni tal-grad ta' indeboliment tal-assi magħżula.

(34) Ikun meħtieġ li jiġi żviluppat approċċ proporzjonat sabiex jippermetti lil Stat Membru li s-settur bankarju tiegħu huwa addizzjonalment affettwat minn fatturi oħra ta' tali kobor li jipperikolaw l-istabbiltà finanzjarja (bħall-fqigħ tal-'bżiezaq' fis-swieq tal-proprjetà immobbli tiegħu stess) sabiex jestendi l-eliġibbiltà għal kategoriji ta' assi definiti sew li jikkorrispondu għal din it-theddida sistemika b'ġustifikazzjoni xierqa u mingħajr restrizzjonijiet kwantitattivi.

---

([1]) "Ċirkustanza mhux prevedibbli" hija ċirkustanza li ma tista' bl-ebda mod tiġi antiċipati mill-maniġment tal-kumpanija meta jieħu d-deċiżjoni tiegħu li ma jidħolx fi programm tas-salvataġġ tal-assi matul il-perjodu ta' reġistrazzjoni u li ma tkunx ir-riżultat ta' negliġenza jew żball min-naħa tal-maniġment tal-kumpanija jew deċiżjonijiet tal-grupp li għalih tappartjeni. "Ċirkustanza eċċezzjonali" għandha tinftiehem bħala eċċezzjonali lil hinn mill-kriżi kurrenti. L-Istati Membri li jixtiequ jinvokaw ċirkostanza bħal din għandhom jinnotifikaw l-informazzjoni neċessarja lill-Kummissjoni.

([2]) Dan jidher li hu l-approċċ li ntgħażel għal Citigroup u Bank of America.

(35) Tista' wkoll tkun ikkunsidrata flessibbiltà ulterjuri billi tiġi prevista l-possibbiltà li l-banek jiġu meħlusa minn assi indeboliti barra mill-ambitu tal-eliġibbiltà stipulat hawn fuq u mingħajr il-ħtieġa ta' ġustifikazzjoni speċifika għal massimu ta' 10-20 % tal-assi totali ta' bank partikolari koperti minn mekkaniżmu ta' salvataġġ fid-dawl tad-diversità ta' ċirkostanzi tal-Istati Membri u l-banek differenti. Madankollu, assi li bħalissa ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala indeboliti m'għandhomx ikunu koperti minn programmi ta' salvataġġ. Salvataġġ tal-assi m'għandux jipprovdi assigurazzjoni bla limiti kontra l-konsegwenzi futuri ta' reċessjoni.

(36) Bħala prinċipju ġenerali, aktar ma jkunu wiesgħa l-kriterji tal-eliġibbiltà, u aktar ma jkun kbir il-proporzjon li l-assi kkonċernati jirrappreżentaw fil-portafoll tal-bank, aktar għandhom isiru bir-reqqa r-ristrutturar u r-rimedji sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn tal-kompetizzjoni. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni mhix ser tikkunsidra assi bħala eliġibbli għal miżuri ta' salvataġġ meta dawn ikunu daħlu fil-karta tal-bilanċ tal-bank benefiċjarju wara data ta' limitu speċifikata qabel it-tħabbir tal-programm ta' salvataġġ ([1]). Jekk isir mod ieħor, dan jista' jirriżulta f'arbitraġġ tal-assi u jagħti lok għal periklu morali inammissibbli billi jipprovdi inċentivi għall-banek sabiex ma jivvalutawx kif suppost ir-riskji fis-self u investimenti oħra futuri u b'hekk jirrepetu l-istess żbalji li wasslu għall-kriżi attwali ([2]).

### 5.5. **Valutazzjoni ta' assi eliġibbli għas-salvataġġ, u pprezzar**

(37) Approċċ korrett u konsistenti għall-valutazzjoni tal-assi, inklużi assi li huma aktar kumplessi u inqas likwidi, hija ta' importanza kbira biex jiġi evitat tfixkil bla bżonn tal-kompetizzjoni u biex jiġu evitati kompetizzjonijiet tas-sussidji bejn l-Istati Membri. Il-valutazzjoni għandha ssegwi metodoloġija ġenerali stabbilita fil-livell Komunitarju u għandha tiġi kkoordinata mill-qrib *ex ante* mill-Kummissjoni fl-Istati Membri sabiex tiġi assigurata l-effikaċja massima tal-miżura ta' salvataġġ tal-assi u jitnaqqas ir-riskju ta' distorsjonijiet u arbitraġġ ta' ħsara, partikolarment għal banek transkonfinali. Jista' jkun meħtieġ li jintużaw metodoloġiji alternattivi sabiex jittieħed kont ta' ċirkostanzi speċifiċi relattivi għal, pereżempju, disponibbiltà f'waqtha tad-dejta rilevanti, sakemm dawn jilħqu trasparenza ekwivalenti. Fi kwalunkwe każ, banek eliġibbli għandhom jipprezzaw il-portafolli tagħhom kuljum u jiżvelaw regolarment u b'mod frekwenti lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tagħhom.

(38) Fejn il-valutazzjoni tal-assi tidher partikolarment kumplessa, jistgħu jiġu kkunsidrati approċċi alternattivi bħall-ħolqien ta' 'bank tajjeb' fejn l-Istat jixtri l-assi t-tajbin minflok dawk indeboliti. Sjieda pubblika ta' bank (inkluża n-nazzjonalizzazzjoni) tista' tkun għażla alternattiva, bil-ħsieb li titwettaq il-valutazzjoni maż-żmien f'kuntest ta' ristrutturar jew ta' stralċ b'mod ordnat, u b'hekk tiġi eliminata kwalunkwe inċertezza dwar il-valur tal-assi kkonċernati ([3]).

(39) Bħala l-ewwel stadju, l-assi għandhom jiġu pprezzati fuq il-bażi tal-valur kurrenti tas-suq, kulmeta dan ikun possibbli. B'mod ġenerali, kwalunkwe trasferiment ta' assi koperti minn skema b'valutazzjoni akbar mill-prezz tas-suq ikun jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Il-valur tas-suq attwali jista', madankollu, ikun pjuttost 'il bogħod mill-valur kontabbli ta' dawk l-assi fiċ-ċirkostanzi kurrenti, jew ineżistenti fin-nuqqas ta' suq (għal xi assi l-valur jista' effettivament ikun żero).

(40) Bħala t-tieni stadju, il-valur attribwit lil assi indeboliti fil-kuntest ta' programm ta' salvataġġ tal-assi (l-'valur tat-trasferiment') inevitabbilment ikun ogħla mill-prezzijiet kurrenti tas-suq sabiex jinkiseb l-effett ta' salvataġġ. Sabiex tiġi żgurata konsistenza fl-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna, il-Kummissjoni tikkunsidra valur tat-trasferiment li jirrifletti l-valur ekonomiku sottostanti fit-tul (il-"valur ekonomiku reali") tal-assi, fuq il-bażi tal-flussi tal-flus sottostanti u orizzonti ta' żmien aktar wiesgħa, standard aċċettabbli li jindika l-kompatibbiltà tal-ammont ta' għajnuna bħala l-minimu meħtieġ. Se jkollu jiġi kkunsidrat tnaqqis uniformi applikabbli għal ċerti kategoriji ta' assi biex jiġi approssimat il-valur ekonomiku reali ta' assi li huma tant kumplessi li jidher imprattikabbli tbassir affidabbli tal-iżviluppi fil-futur prevedibbli.

---

([1]) Ġeneralment, il-Kummissjoni tqis li data ta' cut-off uniformi u oġġettiva, bħal tmiem l-2008, tassigura kundizzjonijiet ekwi fost il-banek u l-Istati Membri.

([2]) Fejn neċessarju, l-appoġġ tal-Istat fir-rigward tar-riskji ta' assi futuri jista' jiġi affrontat fuq il-bażi tal-avviż ta' garanzija u l-qafs temporanju.

([3]) Dan ikun il-każ, pereżempju, jekk l-Istat jiskambja l-assi ma' bonds tal-gvern skont l-ammont tal-valur nominali tagħhom iżda jirċievi warrants kontinġenti fuq il-kapital bankarju, li l-valur tiegħu jiddependi fuq il-prezz tal-bejgħ eventwali tal-assi indeboliti.

(41) Konsegwentement, il-valur ta' trasferiment għal miżuri tax-xiri tal-assi jew tal-assigurazzjoni tal-assi ([1]) għandhom ikunu bbażati fuq il-valur ekonomiku reali tagħhom. Barra minn hekk, għandha tiġi żgurata remunerazzjoni adegwata għall-Istat. Fejn l-Istati Membri jidhrilhom li hu meħtieġ — partikolarment sabiex tiġi evitata insolvenza teknika — li jintuża valur tat-trasferiment tal-assi li jeċċedi l-valur ekonomiku reali, l-element ta' għajnuna fil-miżura huwa proporzjonalment akbar. Dan jista' jiġi aċċettat biss jekk ikun akkumpanjat minn ristrutturar wiesa' u l-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet li jippermettu l-irkupru ta' din l-għajnuna addizzjonali fi stadju iktar tard, pereżempju permezz ta' mekkaniżmi ta' claw-back.

(42) Il-proċess ta' valutazzjoni kemm fir-rigward tal-valur tas-suq u l-valur ekonomiku reali, kif ukoll ir-remunerazzjoni tal-Istat, għandu jsegwi l-istess proċessi u prinċipji ta' gwida elenkati fl-Anness IV.

(43) Meta tevalwa l-metodi ta' valutazzjoni mressqa mill-Istati Membri għall-miżuri ta' salvataġġ tal-assi, u l-implimentazzjoni tagħhom fil-każijiet individwali, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta gruppi ta' esperti tal-valutazzjoni ([2]). Il-Kummissjoni għandha tibni wkoll fuq l-għarfien espert tal-korpi eżistenti organizzati fuq il-livell tal-UE sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-metodoloġiji tal-valutazzjoni.

### 5.6. **Amministrazzjoni tal-assi soġġetti għal miżuri ta' salvataġġ**

(44) Huwa għall-Istati Membri sabiex jagħżlu l-aħjar mudell sabiex jeħilsu lill-banek mill-assi, mill-firxa ta' għażliet stabbiliti fit-taqsima 4, fid-dawl tad-daqs tal-problema ta' assi indeboliti, tas-sitwazzjoni individwali tal-banek ikkonċernati u kunsiderazzjonijiet baġitarji. L-għan tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat huwa li jiġi żgurat li l-karatteristiċi tal-mudell magħżul huma maħsuba sabiex jiżguraw trattament ugwali u jevitaw tfixkil bla bżonn tal-kompetizzjoni.

(45) Filwaqt li l-arranġamenti speċifiċi tal-ipprezzar għal miżura ta' għajnuna jistgħu jvarjaw, il-karatteristiċi distintivi tagħhom m'għandhomx ikollhom impatt apprezzabbli fuq it-tqassim adegwat tal-piż bejn l-Istat u l-banek benefiċjarji. Fuq il-bażi ta' valutazzjoni korretta, il-mekkaniżmu ta' finanzjament ġenerali ta' kumpanija li timmaniġġja l-assi, assigurazzjoni jew soluzzjoni ibrida għandu jiżgura li l-bank ikollu jassumi l-istess proporzjon ta' telf. Jistgħu jitqiesu klawsoli claw-back f'dan il-kuntest. B'mod ġenerali, l-iskemi kollha għandhom jiżguraw li l-banek benefiċjarji jġorru t-telf imġarrab fit-trasferiment ta' assi (ara aktar fil-para. 50 u n-nota 10 ta' qiegħ il-paġna).

(46) Ikun xi jkun il-mudell, sabiex ikun eħfef għall-bank biex jiffoka fuq ir-restawr tal-vijabbiltà u biex ikunu evitati kunflitti ta' interess possibbli, huwa meħtieġ li tiġi żgurata separazzjoni funzjonali u organizzattiva ċara bejn il-bank benefiċjarju u l-assi indeboliti tiegħu, partikolarment f'dak li jirrigwarda l-amministrazzjoni, il-persunal u l-klijentela tagħhom.

### 5.7. **Aspetti proċedurali**

(47) Gwida dettaljata dwar l-implikazzjonijiet ta' dawn il-linji gwida dwar il-proċedura tal-għajnuna mill-Istat fir-rigward ta' kemm in-notifika inizjali tal-għajnuna kif ukoll il-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' ristrutturar, fejn neċessarju, hi pprovduta fl-Anness V.

## 6. **MIŻURI TA' FOLLOW-UP — RISTRUTTURAZZJONI U RITORN GĦALL-VIJABBILTÀ**

(48) Il-prinċipji u l-kundizzjonijiet imsemmija f'taqsima 5 jistabbilixxu l-qafas għat-tfassil ta' miżuri ta' salvataġġ tal-assi f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għandhom il-mira, fil-kuntest preżenti, li jassiguraw l-appoġġ li jinvolvi l-anqas distorsjoni għat-tneħħija ta' riskji relatati ma' kategorija separata tal-assi mill-banek benefiċjarji sabiex titħejja art solida għar-ritorn għall-vijabbiltà fit-tul mingħajr appoġġ mill-Istat. Filwaqt li t-trattament ta' assi indeboliti skont il-prinċipji ta' hawn fuq huwa pass neċessarju għal ritorn lejn il-vijabbiltà għall-banek, fih innifsu dan mhux biżżejjed biex jintlaħaq dan l-għan. Skont is-sitwazzjoni u l-karatteristiċi partikolari tagħhom, il-banek se jkollhom jieħdu miżuri xierqa fl-interess tagħhom stess sabiex jiġi evitat li jerġgħu jseħħu problemi simili u tiġi żgurata profitabbiltà sostenibbli.

---

([1]) Fil-każ ta' miżura tal-assigurazzjoni, il-valur tat-trasferiment huwa mifhum bħala l-ammont assigurat.

([2]) Il-Kummissjoni se tuża l-alternattiva ta' dawn il-bordijiet esperti ta' valutazzjoni b'mod simili għall-proċedimenti oħrajn dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn jista' jkollha aċċess għal għarfien espert estern.

(49) Taħt ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u partikolarment dawk dwar l-għajnuna għas-salvataġġ u r-ristrutturar, dan is-salvataġġ tal-assi jammonta għal operazzjoni strutturali u jeħtieġ evalwazzjoni birreqqa ta' tliet kundizzjonijiet: (i) kontribuzzjoni adegwata tal-benefiċjarju għall-ispejjeż tal-programm tal-assi indeboliti; (ii) azzjoni xierqa biex ikun garantit ir-ritorn għall-vijabbiltà; u (iii) miżuri neċessarji sabiex jiġi rrimedjat it-tfixkil għall-kompetizzjoni.

(50) L-ewwel kundizzjoni għandha normalment tinkiseb billi jitwettqu r-rekwiżiti stabbiliti fil-kapitoli preċedenti kif imsemmija f'taqsima 5, partikolarment l-iżvelar, il-valutazzjoni, l-ipprezzar u l-qsim tal-piżijiet. Dan għandu jiżgura kontribuzzjoni mill-benefiċjarju ta' mill-inqas it-telf kollu mġarrab fit-trasferiment ta' assi lill-Istat. Fejn dan mhux materjalment possibbli, l-għajnuna xorta tista' tiġi awtorizzata, bħala eċċezzjoni, suġġetta għal rekwiżiti aktar stretti rigward iż-żewġ kundizzjonijiet l-oħra.

(51) L-obbligi tar-ritorn għall-vijabbiltà u l-ħtieġa għal rimedji għat-tfixkil tal-kompetizzjoni għandhom jiġu determinati fuq bażi ta' każ b'każ. Rigward it-tieni kundizzjoni, il-ħtieġa għar-ritorn għall-vijabbiltà fit-tul, għandu jiġi nnotat li s-salvataġġ tal-assi jista' jikkontribwixxi għal dan il-għan. Ir-reviżjoni tal-vijabbiltà għandha tiċċertifika l-adegwatezza attwali u prospettiva tal-kapital tal-bank wara evalwazzjoni sħiħa u kunsiderazzjoni tal-fatturi possibbli tar-riskju ([1]).

(52) L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-medda ta' ristrutturar meħtieġa, wara l-awtorizzazzjoni inizjali tal-miżuri ta' salvataġġ tal-assi, għandha tkun determinata fuq il-bażi tal-kriterji li ġejjin: il-kriterji mfissra fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-rikapitalizzazzjoni tal-banek, il-proporzjon tal-assi tal-bank suġġetti għal salvataġġ; il-prezz tat-trasferiment ta' dawn l-assi mqabbla mal-prezz tas-suq; il-karatteristiċi speċifiċi tas-salvataġġ tal-assi indeboliti li jingħata; id-daqs totali tal-iskopertura tal-Istat relattiva għall-assi tal-bank bil-piż differenzjat skont ir-riskju; in-natura u l-oriġini tal-problemi tal-bank benefiċjarju; u s-solidità tal-mudell tan-negozju u l-istrateġija tal-investiment tal-bank. Hija tqis ukoll kwalunkwe għoti addizzjonali ta' garanzija mill-Istat jew rikapitalizzazzjoni mill-Istat, sabiex tibni l-istampa sħiħa tas-sitwazzjoni tal-bank benefiċjarju ([2]).

(53) Il-vijabbiltà fit-tul teħtieġ li l-bank ikun kapaċi jopera mingħajr ebda appoġġ mill-Istat, u dan jimplika pjanijiet ċari sabiex jitħallas lura kwalunkwe kapital riċevut mill-Istat u jiġu rrinunzjati l-garanziji mill-Istat. Skont ir-riżultat ta' din l-evalwazzjoni, ir-ristrutturar ikollu jinkludi analiżi fil-fond tal-istrateġija u l-attività tal-bank, inkluż, pereżempju, enfasi fuq in-negozju ċentrali, orjentament mill-ġdid tal-mudelli tan-negozju, l-għeluq jew ċessjoni ta' diviżjonijiet/sussidjarji, bidliet fil-ġestjoni tal-assi-obbligazzjonijiet u bidliet oħra.

(54) Il-ħtieġa għal ristrutturar fil-fond tkun preżunta meta valutazzjoni xierqa tal-assi indeboliti skont il-prinċipji stipulati fit-taqsima 5.5 u l-Anness IV tkun se twassal għal ekwità negattiva/insolvenza teknika mingħajr intervent mill-Istat. Talbiet ripetuti għall-għajnuna u t-tbegħid mill-prinċipji ġenerali stabbiliti fit-taqsima 5 normalment juru l-ħtieġa għal ristrutturar fil-fond bħal dan.

(55) Ristrutturar fil-fond ikun meħtieġ ukoll meta l-bank ikun diġà rċieva għajnuna mill-Istat fi kwalunkwe forma li tikkontribwixxi jew għall-kopertura jew għall-evitar ta' telf, jew b'kollox taqbeż 2 % tat-total tal-assi tal-bank bil-piż differenzjat skont ir-riskju, filwaqt li jitqiesu b'mod dovut il-karatteristiċi speċifiċi tas-sitwazzjoni ta' kull benefiċjarju ([3]).

(56) Iż-żmien li fih jittieħdu kwalunkwe miżuri meħtieġa sabiex tingħata lura l-vijabbiltà għandhom jieħdu kont tas-sitwazzjoni speċifika tal-bank ikkonċernat, kif ukoll tas-sitwazzjoni ġenerali fis-settur bankarju, mingħajr ma jiddewmu aktar milli huwa neċessarju l-aġġustamenti meħtieġa.

(57) It-tielet, il-firxa ta' miżuri kompensatorji neċessarji għandhom jiġu eżaminati, fuq il-bażi tat-tfixkil tal-kompetizzjoni li tirriżulta mill-għajnuna. Dan jista' jinvolvi tnaqqis jew bejgħ ta' unitajiet ta' negozju jew sussidjarji li huma profitabbli, jew impenji ta' imġieba sabiex tiġi limitata l-espansjoni kummerċjali.

---

([1]) Il-konformità mal-kriterji ppreżentati fil-paragrafu 40 tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rikapitalizzazzjoni tal-banek ukoll ikollha tiġi assigurata safejn possibbli.

([2]) Għal dawk il-banek diġà suġġetti għall-obbligu ta' pjan ta' ristrutturazzjoni, wara l-għoti ta' għajnuna preċedenti mill-Istat, dan il-pjan ikollu debitament iqis l-għajnuna l-ġdida u jipprevedi l-għażliet kollha mir-ristrutturazzjoni sal-istralċ b'mod ordnat.

([3]) Il-parteċipazzjoni fi skema awtorizzata ta' garanzija tal-kreditu, mingħajr ma l-garanzija jkollha tiġi invokata sabiex tkopri t-telf, m'għandhiex titqies għall-finijiet tal-paragrafu preżenti.

(58) Il-ħtieġa għal miżuri ta' kumpens tkun preżunta jekk il-bank benefiċjarju ma jwettaqx il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi preċedenti u partikolarment dawk tal-iżvelar, il-valutazzjoni, l-ipprezzar u l-qsim tal-piżijiet.

(59) Il-Kummissjoni tivvaluta l-ambitu tal-miżuri kompensatorji meħtieġa, skont l-evalwazzjoni tagħha tat-tfixkil tal-kompetizzjoni li jirriżulta mill-għajnuna, u speċjalment fuq il-bażi tal-fatturi li ġejjin: l-ammont totali tal-għajnuna, inkluż minn miżuri ta' garanzija u rikapitalizzazzjoni; il-volum tal-assi indeboliti li jibbenefikaw mill-miżura; il-proporzjon ta' telf li jirriżulta mill-assi; is-solidità ġenerali tal-bank; il-profil tar-riskju tal-assi soġġetti għal salvataġġ; il-kwalità tal-ġestjoni tar-riskju tal-bank; il-livell ta' proporzjonijiet tas-solvenza fin-nuqqas tal-għajnuna; il-pożizzjoni fis-suq tal-bank benefiċjarju u t-tfixkil tal-kompetizzjoni mill-issuktar tal-attivitajiet tas-suq tal-bank; u l-impatt tal-għajnuna fuq l-istruttura tas-settur bankarju.

## 7. **DISPOŻIZZJONI FINALI**

(60) Din il-Komunikazzjoni tapplika mill-25 ta' Frar 2009, id-data li fiha l-Kummissjoni qablet fil-prinċipju dwar il-kontenut tagħha, wara li kkunsidrat il-kuntest ekonomiku u finanzjarju li kien jeħtieġ azzjoni immedjata.

*ANNESS I*

**Linji Gwida tal-Eurosystem dwar miżuri ta' appoġġ għall-assi għall-banek**

Il-Eurosystem identifikat seba' prinċipji ta' gwida għall-miżuri ta' appoġġ għall-assi bankarji:

(1) *eliġibbiltà ta' istituzzjonijiet*, li għandha tkun volontarja, bil-possibbiltà ta' prijorità għall-istituzzjonijiet b'konċentrazzjonijiet kbar ta' assi indeboliti fil-każ ta' restrizzjonijiet;

(2) *definizzjoni tal-assi* eliġibbli għall-appoġġ li tkun relattivament wiesgħa;

(3) *valutazzjoni tal-assi eliġibbli* li tkun trasparenti, preferibbilment ibbażata fuq firxa ta' metodi u kriterji komuni li jiġu adottati mill-Istati Membri, ibbażata fuq opinjonijiet esperti indipendenti minn partijiet terzi, l-użu ta' mudelli li jużaw inputs tal-livell mikro biex jistmaw il-valur ekonomiku tat-telf mistenni u l-probabbiltajiet relatati miegħu, u ta' tnaqqis speċifiku għal assi individwali fuq il-valuri kontabbli tal-assi meta l-evalwazzjoni tal-valur tas-suq hija partikolarment diffiċli, jew meta s-sitwazzjoni teħtieġ azzjoni rapida;

(4) grad adegwat ta' *qsim tar-riskju* bħala element neċessarju ta' kull skema sabiex tiġi limitata l-ispiża għall-gvern, jiġu pprovduti l-inċentivi xierqa lill-istituzzjonijiet parteċipanti u jinżamm ambjent ekwu għan-negozju bejn dawn l-istituzzjonijiet;

(5) *tul* suffiċjenti tal-iskemi ta' appoġġ għall-assi, li possibbilment jaqbel mal-istruttura tal-maturità tal-assi eliġibbli;

(6) *governanza tal-istituzzjonijiet* li għandhom ikomplu jitmexxew skont prinċipji kummerċjali, u jagħtu preferenza lil skemi li jipprevedu strateġiji ta' ħruġ definiti tajjeb; u

(7) *kondizzjonalità* tal-iskemi ta' appoġġ pubbliku fuq xi kriterji li jistgħu jitkejlu, bħal impenji li jkompli jiġi pprovdut kreditu sabiex tiġi ssodisfata d-domanda b'mod xieraq skont kriterji kummerċjali.

*ANNESS II*

**Id-diversi approċċi konċepibbli għas-salvataġġ tal-assi u l-esperjenza bl-użu ta' soluzzjonijiet ta' bank ħażin fl-Istati Uniti, l-Iżvezja, Franza, l-Italja, il-Ġermanja u l-Iżvizzera**

## I. **Approċċi possibbli**

Fil-prinċipju, jistgħu jiġu kkunsidrati żewġ approċċi wiesgħa għall-ġestjoni ta' assi soġġetti għal miżuri ta' salvataġġ:

(1) Il-segregazzjoni ta' assi indeboliti mill-assi tajba f'bank jew fis-settur bankarju kollu kemm hu. Jistgħu jiġu kkunsidrati diversi varjanti ta' dan l-approċċ. Kumpanija tal-ġestjoni tal-assi (bank ħażin jew 'tarka tar-riskju') jistgħu jiġu maħluqa għal kull bank, u bihom l-assi indeboliti jkunu trasferiti lil entità ġuridika separata, filwaqt li l-assi jkomplu jkunu ġestiti mill-bank f'diffikultà jew minn entità separata u t-telf possibbli jinqasam bejn il-bank tajjeb u l-Istat. Alternattivament, l-Istat jista' jistabbilixxi istituzzjoni awtonoma (li spiss tissejjaħ 'aggregator bank') biex tixtri l-assi indeboliti ta' banek individwali jew tas-settur bankarju kollu kemm hu, u b'hekk tippermetti lill-banek sabiex jerġgħu lura għall-imġiba normali tas-self li ma tkunx imfixkla mir-riskju tat-tnižžil fil-valur kontabbli tal-assi. Dan l-approċċ jista' jinvolvi wkoll nazzjonalizzazzjoni minn qabel, li biha l-Istat jieħu kontroll ta' xi wħud mill-banek fis-settur jew minnhom kollha qabel ma jwettaq is-segregazzjoni tal-assi tajba u ħżiena tagħhom.

(2) Skema tal-assigurazzjoni tal-assi fejn banek iżommu l-assi indeboliti fuq il-karti tal-bilanċ tagħhom iżda jiġu indennizzati mill-Istat kontra t-telf. Fil-każ ta' assigurazzjoni tal-assi, l-assi indeboliti jibqgħu fuq il-karta tal-bilanċ tal-banek, li jiġu indennizzati mill-Istat kontra xi telf jew kontra t-telf kollu. Kwistjoni speċifika dwar l-assigurazzjoni tal-assi hija l-iffissar tal-primjum xieraq għal assi eteroġeni u kumplessi, li fil-prinċipju għandhom jirriflettu taħlita ta' karatteristiċi ta' valutazzjoni u ta' riskju tal-assi assigurati. Kwistjoni oħra hija li huwa teknikament diffiċli li skemi ta' assigurazzjoni jitħaddmu f'sitwazzjoni meta l-assi assigurati huma mifruxa fuq numru kbir ta' banek minflok ikkonċentrati fi ftit banek akbar. Fl-aħħar, il-fatt li l-assi assigurati jibqgħu fuq il-karta tal-bilanċ tal-banek jippermetti l-possibbiltà ta' kunflitti ta' interessi u jneħħi l-effett psikoloġiku importanti li jiġi sseparat b'mod ċar il-bank tajjeb mill-assi l-ħżiena.

## II. **Esperjenza b'banek ħżiena**

Fl-Istati Uniti, ir-Resolution Trust Corporation (RTC) inħolqot fl-1989 bħala kumpanija tal-gvern tal-ġestjoni tal-assi. L-RTC kienet inkarigata bil-likwidazzjoni tal-assi (l-aktar assi relati mal-proprjetà immobbli, inkluż self ipotekarju) li kienu assi ta' assoċjazzjonijiet ta' tifdil u self ("S&Ls") iddikjarati falluti mill-Uffiċċju ta' Sorveljanza tat-Tfaddil, bħala konsegwenza tal-kriżi tat-tfaddil u s-self (1989-1992). L-RTC wkoll ħadet f'idejha l-funzjonijiet tal-assigurazzjoni ta' dak li kien il-Federal Home Loan Bank Board. Bejn l-1989 u nofs l-1995, ir-Resolution Trust Corporation għalqet jew solviet b'mod ieħor 747 "thrifts" b'assi totali ta' USD 394 biljun. Fl-1995, id-dmirijiet tagħha kienu ġew trasferiti lis-Savings Association Insurance Fund tal-Federal Deposit Insurance Corporation. B'kollox, l-ispiża għal min iħallas it-taxxa ġiet stmata għal USD 124 biljun f'dollari tal-1995.

L-RTC ħadmet permezz ta' hekk imsejħa "programmi ta' sħubija fl-ekwità". Is-sħubijiet kollha fl-ekwità kienu jinvolvu msieħeb mis-settur privat li jakkwista interess parzjali f'ġabra ta' assi. Billi żammet interess fil-portafolli tal-assi, l-RTC setgħet tieħu sehem fir-rendita qawwija li gawdew l-investituri fil-portafolli. Minbarra dan, is-sħubijiet tal-ekwità ppermettiew lill-RTC tibbenefika mill-isforzi ta' ġestjoni u likwidazzjoni tal-imsieħba tas-settur privat tagħhom, u l-istruttura għenet biex jiġi assigurat allinjament tal-inċentivi superjuri għal dak li tipikament jeżisti f'relazzjoni bejn prinċipal u kuntrattur. Il-forom varji ta' sħubijiet fl-ekwità huma dawn li ġejjin: Multiple Investment Fund (sħubija limitata u magħżula, portafoll ta' assi mhux identifikat), Mortgage Trusts serje N u serje S (offerti kompetittivi għal portafoll ta' assi identifikati), Fond tal-Art (sabiex jittieħdu profitti aktar fit-tul mill-irkupru u l-iżvilupp tal-art), u Sħubija JDC (għażla ta' soċju ġenerali fuq il-bażi ta' "beauty contest" għal talbiet mhux garantiti jew ta' valur dubjuż).

Fl-Iżvezja, żewġ korporazzjonijiet tal-ġestjoni tal-assi tal-banek (AMCs) *Securum* u *Retriva*, twaqqfu biex jamministraw is-self inadempjenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji bħala parti mill-politika tar-riżoluzzjoni tal-kriżi finanzjarja fl-1992/1993. L-assi ta' bank f'diffikultà kienu maqsuma f'assi "tajba" u "ħżiena", bl-assi ħżiena mbagħad jiġu trasferiti lil wieħed mill-korporazzjonijiet tal-ġestjoni tal-assi, prinċipalment *Securum*. Karatteristika importanti tal-programm Żvediż kienet li tisforza lill-banek sabiex jiżvelaw telf mistenni mis-self b'mod sħiħ u tassenja valuri realistiċi għall-proprjetà immobbli u assi oħra. Għal dan, l-Awtorità tas-Sorveljanza Finanzjarja għamlet ir-regoli tagħha dwar id-definizzjoni ta' telf probabbli mis-self kif ukoll għall-valutazzjoni ta' proprjetà immobbli aktar stretti. Sabiex tikseb valutazzjoni uniformi tal holdings ta' proprjetà immobbli tal-banek li japplikaw għall-appoġġ, l-Awtorità waqqfet Bord tal-Valutazzjoni ma' esperti tal-propjetà immobbli. Il-valuri baxxi tas-suq assenjati lill-assi fil-proċess ta' diliġenza debita, b'mod effettiv għenu biex jistabbilixxu limitu minimu

għall-valuri tal-assi. Minħabba li l-parteċipanti fis-suq kienux qed jistennew li l-prezzijiet jaqgħu taħt dan il-livell, il-kummerċ seta' jkompli għaddej ([1]). Aktar fit-tul, iż-żewġ korporazzjonijiet tal-ġestjoni tal-assi tal-banek irriżultaw bħala suċċess fis-sens li l-ispiża baġitarja tal-appoġġ għas-sistema finanzjarja kienet tista' tgħid ibbilanċjata mid-dħul riċevut mill-korporazzjonijiet tal-ġestjoni tal-assi tal-banek, mil-likwidazzjoni tal-assi li kellhom f'idejhom.

Fi Franza, fis-snin disgħin inħoloq korp pubbliku li jgawdi minn garanzija Statali istituzzjonali mingħajr limitu sabiex jieħu f'idejh u jillikwida matul iż-żmien l-assi ħżiena tal-Credit Lyonnais. Il-bank ħażin iffinanzja l-akkwist tal-assi permezz ta' self mill-Credit Lyonnais. Din tal-aħħar, għalhekk, setgħet tevita l-irreġistrar tat-telf fuq l-assi u tillibera l-kapital għal ammont ekwivalenti ta' assi bil-piż differenzjat skont ir-riskju, ladarba s-self lill-bank ħażin seta' jgawdi minn piż tar-riskju ta' 0 % fid-dawl tal-garanzija mill-Istat. Il-Kummissjoni approvat il-bank ħażin bħala għajnuna għar-ristrutturar. Karatteristika tal-mudell kienet is-separazzjoni ċara bejn il-bank tajjeb u dak ħażin sabiex ikunu evitati l-kunflitti ta' interess u l-klawsola 'de retour à meilleure fortune' dwar il-qligħ tal-bank tajjeb għall-benefiċċju tal-Istat. Wara ftit snin, il-bank kien privatizzat b'suċċess. Madankollu, it-trasferiment tal-assi lill-bank ħażin skont il-valur kontabbli ħarset lill-azzjonisti mir-responsabbiltà għat-telf u implika spiża għolja għall-Istat matul iż-żmien.

Madwar sentejn wara, fl-Italja, il-Banco di Napoli kien maqsum f'bank ħażin u bank tajjeb wara l-assorbiment tat-telf mill-azzjonisti eżistenti u rikapitalizzazzjoni mit-Teżor sal-limitu meħtieġ biex il-bank jibqa' jopera. Banco Napoli ffinanzja l-akkwist mill-bank ħażin tal-assi skontati iżda xorta waħda indeboliti permezz ta' self issussidjat tal-Bank Ċentrali kontro-garantit mit-Teżor. Il-bank imnaddaf ġie pprivatizzat sena wara. La fil-każ tal-Credit Lyonnais u lanqas f'dak ta' Banco di Napoli ma kien hemm nefqa baġitarja immedjata għat-Teżor għall-akkwist tal-assi ħżiena, minbarra l-provvediment ta' kapital għall-banek.

Forma limitata ta' bank ħażin intużat reċentament mill-Ġermanja sabiex tittratta l-assi ħżiena tal-Landesbanken tagħha. Fil-każ SachsenLB, il-benefiċjarju kien mibjugħ bħala going concern wara li l-assi ħżiena ta' madwar EUR 17,5 biljun ġew imqiegħda fi strument apposta (SPV) maħsub sabiex iżomm l-assi sal-maturità. L-ex sidien, il-Land tas-Sassonja, taw garanzija għat-telf għal madwar 17 % tal-valur nominali, li kien meqjus bħala l-massimu assolut ta' telf possibbli fi stress test (fil-każ bażi kien stmat li t-telf kellu jkun biss ta' 2 %). Il-proprjetarju l-ġdid ħa f'idejh il-biċċa l-kbira tal-finanzjament mill-ġdid u kopra l-bqija tar-riskju. L-ammont ta' għajnuna kien mill-inqas jitqies li jasal sa l-agħar stima ta' madwar 4 %. Fil-każ WestLB, portafoll ta' assi ta' EUR 23 biljun ġie mgħoddi f'SPV u mgħammar b'garanzija tal-gvern ta' EUR 5 biljun sabiex jiġi kopert it-telf eventwali u tiġi mħarsa l-karta tal-bilanċ mill-aġġustament tal-valur tal-assi skont l-IFRS. Dan ippermetta lil WestLB biex ineħħi l-volatilità tal-assi mill-karta tal-bilanċ tiegħu. Ħlas ta' garanzija ta' 0,5 % ngħata lill-Istat. It-tarka tar-riskju għadha qiegħda titħaddem u hija meqjusa bħala għajnuna mill-Istat.

Fl-Iżvizzera, il-gvern ħoloq fond ġdid li lilu l-UBS ittrasferixxa portafoll ta' assi tossiċi li kienu vvalutati minn parti terza qabel it-trasferiment. Biex ikun żgurat il-finanzjament ta' dan il-fond, l-Iżvizzera l-ewwel injettat kapital fil-UBS (fil-forma ta' noti konvertibbli f'ishma tal-UBS), li l-UBS immedjatament ħassarhom mill-karta tal-bilanċ u trasferihom lill-Fond. Il-bqija tal-finanzjament tal-Fond kien assigurat permezz ta' self mill-Bank Nazzjonali Żvizzeru.

Fl-aħħar tas-snin 1990, il-kundizzjonijiet tas-self tal-banek Ċeki lill-korporazzjonijiet kienu laxki ħafna. Il-banek Ċeki sofrew ħsara kbira minħabba dan u fl-aħħar tas-snin 1990 kellhom jiġu salvati mill-gvern. Proċessi kbar ta' tindif tal-karti tal-bilanċ tal-banek kienu mwettqa sabiex tiġi stabbilita industrija bankarja b'saħħitha.

Fi Frar 1991, il-gvern Ċek ħoloq bank ta' konsolidazzjoni (Konsolidační banka, KOB), stabbilit sabiex jieħu fuqu self ħażin mis-settur bankarju akkumulat qabel l-1991 — bħal djun li wirtu mill-ekonomija ppjanata ċentralment, speċjalment dawk relatati mal-kummerċ fi ħdan il-blokk Sovjetiku. F'Settembru 2001, il-bank speċjali nbidel f'aġenzija li kellha wkoll tassorbi self ħażin konness ma self "ġdid innovattiv" (speċjalment l-hekk imsejjaħ self tal-privatizzazzjoni, self inadempjenti u self frawdolenti).

Sa mill-1991, il-banek il-kbar kienu meħlusa mis-self ħażin u sa mill-1994 l-enfasi nbidel għal fuq banek iżgħar. B'mod partikolari, il-falliment ta' Kreditní banka f'Awwissu 1996, u l-paniku bankarju parzjali fuq Agrobanka, ikkawża xi stress lis-sistema bankarja Ċeka. Il-programmi kkonċernati wasslu biss għal żieda temporanja fis-sjieda tal-Istat fil-banek fl-1995, u għal darba oħra fl-1998, minħabba r-revoka tal-liċenzja ta' Agrobanka. Globalment, is-sehem tal-gvern fl-operazzjonijiet bankarji żdied għal 32 % fi tmiem l-1995 minn 29 % fl-1994.

Barra minn hekk, biex jiġu appoġġjati l-banek iż-żgħar, programm ieħor — il-Programm ta' Stabbilizzazzjoni — kien approvat fl-1997. Dan essenzjalment kien jikkonsisti f'sostituzzjoni ta' assi ta' kwalità baxxa b'likwidità sa massimu ta' 110 % tal-kapital ta' kull bank li pparteċipa, permezz tal-akkwist ta' assi ta' kwalità baxxa mill-bank minn kumpanija speċjali msejħa Česká finanční, flimkien max-xiri mill-ġdid sussegwenti tal-ammont residwu ta' dawn l-assi f'medda ta' żmien minn 5 sa 7 snin. Sitt banek issieħbu fil-programm, imma ħames minn dawn kienu esklużi wara li naqsu milli jikkonformaw mal-kriterji tiegħu u sussegwentement fallew. Għalhekk, il-Programm ta' Stabbilizzazzjoni ma rnexxiex u twaqqaf.

([1]) Dan b'kuntrast qawwi mal-politika Ġappuniża li tpoġġi valuri għolja wisq fuq l-assi "ħżiena", li b'hekk iffriżat is-suq tal-propjetà immobbli għal madwar għaxar snin.

Sa tmiem l-1998, kienu ngħataw 63 liċenzja bankarja (60 minn dawn qabel tmiem l-1994). Fi mit-tmiem ta' Settembru 2000, 41 bank u fergħat ta' banek barranin komplew joperaw, 16 kienu taħt reġimi straordinarja (8 f'likwidazzjoni, 8 involuti fi proċeduri ta' falliment), 4 kienu ngħaqdu ma' banek oħra, u l-liċenzja ta' bank barrani wieħed kienet ġiet revokata minħabba li dan kien naqas milli jibda l-operazzjonijiet tiegħu. Mill-41 istituzzjonijiet li kien fadal (inkluża CKA) 15 kienu kkontrollati domestikament u 27 kienu kkontrollati minn barranin, inklużi sussidjarji u fergħat barranin.

F'Mejju 2000 l-Att emendat dwar il-Falliment u l-Likwidazzjoni u l-Att dwar l-Irkanti Pubbliċi saru effettivi, u kellhom l-għan li jaċċelleraw il-proċeduri tal-falliment u l-ibbilanċjar tad-drittijiet tal-kredituri u d-debituri billi jippermettu lil ditti jew persuni legali speċjalizzati sabiex jaġixxu bħala fiduċjarji fi proċeduri ta' falliment u billi joffru l-possibbiltà ta' negozjar 'il barra mill-qorti.

*ANNESS III*

**Id-definizzjoni tal-kategoriji ("gruppi") ta' assi eliġibbli u l-iżvelar sħiħ dwar l-assi indeboliti kif ukoll l-attivitajiet kollha tan-negozju ta' bank**

## I. Id-definizzjoni tal-kategoriji ("gruppi") ta' assi eliġibbli

Id-definizzjoni tal-gruppi tal-assi finanzjarji indeboliti tal-banek għandhom ikunu d-denominatur komuni bbażat fuq il-kategoriji diġà użat għal:

(1) Rappurtar u valutazzjoni prudenzjali (Basel pilastru 3 = CRD Anness XII; FINREP u COREP);

(2) Rappurtar u valutazzjoni finanzjarji (IAS 39 u IFRS 7 in partikolari);

(3) Rappurtar speċjalizzat ad hoc dwar il-kriżi tal-kreditu: ix-xogħol tal-IMF, l-FSF, Roubini u CEBS dwar it-trasparenza.

L-użu ta' denominatur komuni ta' kategoriji eżistenti ta' rappurtar u valutazzjoni għad-definizzjoni ta' gruppi ta' assi ser iwassal sabiex:

(1) jiġi evitat kull piż addizzjonali ta' rappurtar għall-banek;

(2) ikun possibbli li jiġi evalwat il-grupp ta' assi indeboliti ta' banek individwali skont estimi tal-Komunità u globali (li jistgħu jkunu rilevanti għad-determinazzjoni tal-"valur ekonomiku" f'punt fiż-żmien); u

(3) jingħataw punti ta' tluq oġġettivi (ċertifikati) għall-valutazzjoni ta' assi indeboliti.

Filwaqt li jittieħed kont ta' dan, il-Kummissjoni tissuġġerixxi l-gruppi li ġejjin ta' assi finanzjarji bħala punt ta' bidu għad-determinazzjoni tal-"valur ekonomiku" u s-salvataġġ tal-assi indeboliti:

*Tabella 1*

| | Tip ta' prodott | Kategorja kontabbli | Bażi ta' valutazzjoni fissa għall-iskema | | | Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **I. Finanzjament strutturat/prodotti titolizzati** | | | | | | |
| | | | Valur tas-suq | Valur ekonomiku | Valur tat-Trasferiment | |
| 1 | RMBS | FVPL/AFS (*) | | | | Li jitqassmu f'dawn li ġejjin: żona ġeografika, preċedenza tat-tranches, klassifikazzjoni, sub-prime jew relatati ma' Alt-A, jew il-maturità/età tal-assi sottostanti, *allowances* u tħassir tal-valur kontabbli |
| 2 | CMBS | FVPL/AFS | | | | |
| 3 | CDO | FVPL/AFS | | | | |
| 4 | ABS | FVPL/AFS | | | | |
| 5 | Dejn tal-impriżi | FVPL/AFS | | | | |
| 6 | Self ieħor | FVPL/AFS | | | | |
| | | Total | | | | |
| **II. Self mhux titolizzat** | | | | | | |
| | Tip ta' prodott | Kategorja kontabbli | Bażi ta' valutazzjoni fissa għall-iskema | | | Kummenti |
| | | | Valur oriġinali (**) | Valur ekonomiku | Valur tat-Trasferiment | |
| 7 | Impriżi | HTM/ L&R (*) | Valur oriġinali (**) | | | Li jitqassmu f'dawn li ġejjin: żona ġeografika, riskju tal-kontropartijiet (PD) mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu (garanzija) u strutturi ta' maturità; allowances u tħassir tal-valur kontabbli. |
| 8 | Djar | HTM/ L&R | Valur oriġinali | | | |
| 9 | Personali oħrajn | HTM/ L&R | Valur oriġinali | | | |
| | | Total | | | | |

(*) FVPL = Valur ġust permezz ta' qligħ u telf = portafoll tan-negozju + opzjoni tal-valur ġust); AFS = disponibbli għall-bejgħ, HTM = Miżmum sal-maturità, L&R = self u riċevibbli.
(**) Valur oriġinali jfisser l-ammont kontabbli tas-self bl-indeboliment imnaqqas minnu.

II. **Żvelar sħiħ dwar assi indeboliti u l-attivitajiet tan-negozju relatati**

Fuq il-bażi ta' dawn il-gruppi ta' assi, l-informazzjoni pprovduta dwar l-assi indeboliti ta' bank li għandhom jiġu koperti minn miżura ta' salvataġġ tal-assi għandha tiġi ppreżentata bi grad ogħla ta' granularità kif issuġġerit fil-kolonna tal-kummenti tat-Tabella 1.

Fuq il-bażi ta' prassi tajba osservata mill-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej [1] (CEBS) għal żvelar fuq attivitajiet affettwati mit-taqlib fis-swieq, l-informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-bank relatati mal-assi indeboliti li jipprovdu inputs għall-analiżi tal-vijabbiltà msemmija fit-taqsima 5.1 tista' tkun strutturata kif ġej:

*Tabella 2*

| Prattiki tajba osservati tas-CEBS | Grupp tas-Superviżuri Anzjani (SSG): Żvelar ta' Prattiki Ewlenin |
|---|---|
| **Mudell tan-negozju** | |
| — Deskrizzjoni tal-mudell tan-negozju (jiġifieri tar-raġunijiet għat-twettiq ta' attivitajiet u tal-kontribuzzjoni għall-proċess tal-ħolqien tal-valur) u, jekk applikabbli, ta' kwalunkwe bidliet li saru (pereżempju bħala riżultat tal-kriżi).<br>— Deskrizzjoni tal-istrateġiji u l-għanijiet.<br>— Deskrizzjoni tal-importanza tal-attivitajiet u l-kontribut għan-negozju (inkluża diskussjoni f'termini kwantitattivi).<br>— Id-deskrizzjoni dwar it-tip ta' attivitajiet inkluża deskrizzjoni tal-istrumenti kif ukoll tal-funzjonament tagħhom u l-kriterji kwalifikattivi li prodotti/investimenti għandhom jilħqu.<br>— Deskrizzjoni tar-rwol u l-grad ta' involviment tal-istituzzjoni, jiġifieri l-impenji u obbligi. | — Attivitajiet (SPE) (*).<br>— In-natura tal-esponiment (garanti, likwidità u/credit enhancement provider) (SPE).<br>— diskussjoni kwalitattiva ta' politika (LF). |
| **Riskji u ġestjoni tar-riskju** | |
| — Deskrizzjoni tan-natura u l-firxa tar-riskji fir-rigward tal-attivitajiet u strumenti.<br>— Deskrizzjoni ta' prassi tal-ġestjoni tar-riskju ta' rilevanza għall-attivitajiet, ta' kwalunkwe nuqqasijiet identifikati u ta' kwalunkwe miżuri korrettivi li jkunu ttieħdu biex jindirizzawhom.<br>— Fil-kriżi attwali, għandha tingħata attenzjoni partikolari lir-riskju tal-likwidità. | |
| **Impatt tal-kriżi fuq ir-riżultati** | |
| — Deskrizzjoni kwalitattiva u kwantitattiva tar-riżultati, li tiffoka fuq it-telf (fejn applikabbli) u tniżżil li jkollhom impatt fuq ir-riżultati.<br>— Tqassim tat-tnaqqis fil-valur kontabbli/telf minn tipi ta' prodotti u strumenti affettwati mill-kriżi (CMBS, RMBS, ČDO, ABS u LBO mqassma skont kriterji differenti).<br>— Deskrizzjoni tal-raġunijiet u l-fatturi responsabbli għall-impatt imġarrab.<br>— Tqabbil ta' i) l-impatti bejn il-perjodi (rilevanti) u ta' ii) bilanċi tad-dikjarazzjoni tad-dħul qabel u wara l-impatt tal-kriżi.<br>— Separazzjoni tat-tnaqqis fil-valur kontabbli bejn ammonti realizzati u dawk mhux realizzati.<br>— Deskrizzjoni tal-influwenza li l-kriżi kellha fuq il-prezz tal-ishma tad-ditta.<br>— Żvelar tar-riskju massimu ta' telf u d-deskrizzjoni ta' kif il-qagħda tal-istituzzjoni tista' tiġi affettwata minn aktar tnaqqis jew minn irkupru fis-suq.<br>— Żvelar tal-impatt tal-movimenti tal-firxa tal-kreditu tal-obbligi proprji fuq ir-riżultati u l-metodi użati sabiex jiġi determinat dan l-impatt. | — Tibdil fl-esponiment mill-perjodu ta' qabel, inklużi bejgħ u tniżżil fil-valur (CMB/LF) |

[1] Sors: Ir-rapport tas-CEBS (Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej) dwar it-trasparenza tal-banek dwar l-attivitajiet u l-prodotti affettwati mit-taqlib riċenti fis-suq, 18 ta' Ġunju 2008.

| Prattiki tajba osservati tas-CEBS | Grupp tas-Superviżuri Anzjani (SSG): Żvelar ta' Prattiki Ewlenin |
|---|---|
| **Velli u tipi ta' esponiment** | |
| — Ammont nominali (jew prezz amortizzat) u valuri ġusti ta' esponimenti pendenti.<br>— Informazzjoni dwar il-ħarsien tal-kreditu (eż. permezz ta' credit default swaps) u l-effett tiegħu fuq l-esponimenti.<br>— Informazzjoni dwar in-numru ta' prodotti<br>— Żvelar granulari tal-iskoprimenti bit-tqassiom ipprovdut skont;<br>— il-livell tas-subordinazzjoni tat-tranches;<br>— il-livell tal-kwalità tal-kreditu (pereżempju, il-klassifikazzjoni, grad ta' investiment, eta);<br>— oriġini ġeografika;<br>— jekk l-iskoprimenti ġewx oriġinati, miżmuma, maħżuna jew mixtrija;<br>— karatteristiċi tal-prodott: pereżempju, klassfikazzjoni, sehem ta' ipoteki sub-prime, rati skontati, *attachment points*, *spreads*, finanzjament;<br>— karatteristiċi tal-assi sottostanti: pereżempju, etajiet, proporzjonijiet self-valur, informazzjoni dwar il-*liens*, tul ta' ħajja medja bil-piż differenzjat tas-sottostanti, preżunzjonijiet dwar ir-rata tal-ħlas inizjali, telf mistenni fuq il-kreditu<br>— Ċaqliq tal-iskedi tal-esponimenti bejn perjodi ta' rappurtar rilevanti u r-raġunijiet sottostanti (il-bejgħ, iċ-ċessjonijiet, xiri eċċ.).<br>— Diskussjoni tal-esponimenti li ma ġewx konsolidati (jew li ġew rikonoxxuti fil-waqt il-kriżi) u r-raġunijiet relatati.<br>— Esponiment għal assiguraturi monoline u l-kwalità tal-assi assigurati:<br>— ammonti nominali (jew spiża amortizzata) ta' esponimenti assigurati kif ukoll tal-ammont tal-protezzjoni tal-kreditu mixtrija;<br>— valuri ġusti tal-iskoprimenti pendenti u tal-protezzjoni tal-kreditu relatata;<br>— ammont tat-tħassir mill-valur kontabbli u t-telf, differenzjat skont l-ammonti realizzati u dawk mhux realizzati;<br>— tqassim tal-iskoprimenti skont il-klassifikazzjoni jew il-kontroparti. | — Id-daqs tal-istrument meta mqabbel mal-esponiment totali tad-ditta (SPE/ČDO).<br>— Kollaterali: tip, tranches, klassifikazzjoni tal-kreditu, industrija, distribuzzjoni ġeografika, maturità medja, età (SPE/ČDO/CMB/LF).<br>— Hedges, inklużi l-esponimenti għal monolines, u kontropartijiet oħra (ČDO). Affidabbiltà tal-kreditu tal-kontropartijiet tal-hedge (CDO).<br>— Self sħiħ, RMBS, derivattivi, oħrajn (O).<br>— Dettalji dwar il-kwalità ta' kreditu (għall-klassifikazzjoni tal-kreditu, il-proporzjon tas-self mal-valur, il-kejl tal-prestazzjoni) (O)<br>— Tibdil fl-esponiment mill-perjodu ta' qabel, inklużi bejgħ u tniżżil fil-valur (CMB/LF)<br>— Distinzjoni bejn l-istrumenti konsolidati u dawk mhux konsolidati. Raġuni għall-konsolidazzjoni (jekk applikabbli) (SPE).<br>— Esponiment finanzjat u impenji mhux finanzjati (LF). |
| **Politika tal-kontabbiltà u kwistjonijiet ta' valutazzjoni** | |
| — Klassifikazzjoni tat-tranżazzonijiet u prodotti strutturati għall-finijiet tal-kontabbiltà u t-trattament tal-kontabbiltà relatat.<br>— Konsolidazzjoni tal SPEs u strumenti oħra (bħall-VIES) u r-rikonċiljazzjoni ta' dawn mall-prodotti strutturati affettwati mill-kriżi tas-sub prime.<br>— Żvelar dettaljat dwar il-valuri ġusti ta' strumenti finanzjarji:<br>— strumenti finanzjarji li għalihom japplika l-valur ġust;<br>— ġerarkija tal-valur ġust (tqassim tal-iskoperturi kollha mkejla bil-valur ġust skont livelli differenti tal-ġerarkija tal-valur ġust u tqassim bejn strumenti ta' flus u ta' derivattivi u kif ukoll żvelar dwar migrazzjonijiet bejn livelli differenti);<br>— trattament ta' profitti jum 1 (inkluża informazzjoni kwantitattiva);<br>— użu tal-opzjoni tal-valur ġust (inkluża l-kundizzjoni tagħha għall-użu) u ammonti relatati (bit-tqassim tagħhom, kif dovut).<br>— Żvelar dwar it-tekniki tal-immudellar użati għall-valutazzjoni ta' strumenti finanzjarji, inklużi diskussjonijiet ta' dawn li ġejjin:<br>— deskrizzjoni tat-tekniki tal-immudellar u tal-istrumenti li għalihom huma applikati;<br>— deskrizzjoni tal-proċessi tal-valutazzjoni (inkluż f'diskussjonijiet partikolari tal-preżunzjonijiet u l-fatturi tal-input li jiddependu fuqhom il-mudelli);<br>— tip ta' aġġustament applikat sabiex jirrifletti r-riskju tal-mudell u inċertezzi oħrajn tal-valutazzjoni;<br>— sensittività tal-valuri ġusti; u<br>— *stress scenarios*. | — Metodoloġiji tal-valutazzjoni u elementi kawżali. (CDO).<br>— Aġġustamenti għall-valutazzjoni tal-kreditu għal kontropartijiet speċifiċi (CDO).<br>— Sensittività tal-valutazzjoni għall-bidliet fil-preżunzjonijiet ewlenin u l-inputs (CDO). |

| Prattiki tajba osservati tas-CEBS | Grupp tas-Superviżuri Anzjani (SSG): Żvelar ta' Prattiki Ewlenin |
|---|---|
| **Aspetti oħra tal-iżvelar**<br>— Deskrizzjoni tal-politiki tal-iżvelar u tal-prinċipji li huma użati għall-iżvelar u r-rappurtar finanzjarju | |
| **Kwistjonijiet ta' preżentazzjoni**<br>— Żvelar relevanti sabiex jinftiehem l-involviment ta' istituzzjoni f'ċerta attività għandu sa fejn hu possibbli, ikun provdut f'post wieħed.<br>— Meta informazzjoni hija mifruxa bejn partijiet jew sorsi differenti, kontro-referenzi ċari għandhom ikunu pprovduti sabiex jippermettu lill-qarrej interessat jinnaviga bejn il-partijiet.<br>— Żvelar f'forma ta' kliem għandu sa fejn hu possibbli jiġi ssupplimentat b'tabelli u deskrizzjonijiet illustrattivi u overviews biex tittejjeb iċ-ċarezza.<br>— Istituzzjonijiet għandhom jassiguraw li t-terminoloġija użata biex tiddeskrivi strumenti finanzjarji u tranżazzjonijiet kumplessi hija akkumpanjata minn spjegazzjonijiet ċari u adegwati. | |

(*) Fir-Rapport SSG, kull karatteristika tirreferi għal tip speċifiku ta' SPE, jew għalihom kollha bħala ħaġa waħda, li huma SPE (Entitajiet bi Skop Speċifiku b'mod ġenerali), LF (Finanzjament b'self), CMB (Titoli Kummerċjali Appoġġjati minn Ipoteki), O (Skoperturi oħra subprime u Alt-A), CDO (Obbligi ta' Dejn Kollateralizzat)

*ANNESS IV*

**Prinċipji u proċessi ta' valutazzjoni u pprezzar**

I. **Il-metodoloġija u l-proċedura tal-valutazzjoni**

Għall-iskopijiet tal-miżuri, assi għandhom jiġu kklassifikati skont it-tabelli illustrattivi 1 u 2 fl-Anness III.

Id-determinazzjoni tal-valur ekonomiku reali fis-sens ta' din il-Komunikazzjoni (ara taqsima 5.5) għandha tkun ibbażata fuq inputs osservabbli tas-suq u preżunzjonijiet prudenti u realistiċi dwar il-flussi tal-flus futuri.

Il-metodu ta' valutazzjoni li għandu jiġi applikat għal assi eliġibbli għandu jiġi miftiehem fil-livell Komunitarju u jista' jvarja skont l-assi individwali jew gruppi ta' assi kkonċernati. Kull meta jkun possibbli, din il-valutazzjoni għandha terġa' tiġi evalwata b'referenza għas-suq f'intervalli regolari matul il-ħajja tal-assi.

Fil-passat, diversi għażliet ta' valutazzjoni ġew applikati tista' tgħid b'suċċess. Proċeduri sempliċi ta' reverse auction kienu utli fil-każ ta' kategoriji ta' assi fejn hemm ċertezza raġonevoli dwar il-valuri tas-suq. Madankollu, dan l-approċċ falla fil-valutazzjoni ta' assi aktar kumplessi fl-Istati Uniti. Proċeduri ta' irkant aktar sofistikati huma iktar adattati fejn hemm inqas ċertezza dwar il-valuri tas-suq u jkun meħtieġ metodu aktar eżatt ta' skoperta tal-prezzijiet ta' kull assi. Sfortunatament, l-istruttura tagħhom mhix ċara. L-alternattiva ta' mudelli bbażati fuq il-kalkoli għall assi kumplessi tippreżenta l-inkonvenjent li hija sensittiva għall-preżunzjonijiet sottostanti ([1]).

L-għażla tal-applikazzjoni ta' tnaqqis uniformi fil-valutazzjoni għall-assi kumplessi kollha tissimplifika l-proċess ta' valutazzjoni ġenerali, għalkemm tirriżulta f'ipprezzar anqas preċiż tal-assi individwali. Il-banek ċentrali għandhom esperjenza sostanzjali dwar kriterji u parametri possibbli għal kollateral mirhun għal finanzjament mill-ġdid, li tista' sservi ta' referenza utli.

Hu x'inhu l-mudell magħżul, il-proċess ta' valutazzjoni u partikolarment il-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' telf fil-futur għandu jkun ibbażat fuq stress-testing rigoruż kontra xenarju ta' riċessjoni globali fit-tul.

Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq standards u kejl rikonoxxuti internazzjonalment. Metodoloġija komuni ta' valutazzjoni miftehma fil-livell Komunitarju u implimentata b'mod konsistenti mill-Istati Membri tista' tikkontribwixxi ħafna biex jitnaqqas it-tħassib dwar it-theddid għal ambjent ekwu għan-negozju li jirriżulta mill implikazzjonijiet potenzjalment sinifikanti ta' sistemi ta' stima diskrepanti. Meta tevalwa l-metodi ta' valutazzjoni mressqa mill-Istati Membri għall-miżuri ta' salvataġġ tal-assi, il-Kummissjoni, fil-prinċipju, għandha tikkonsulta panels ta' valutazzjoni esperti ([2]).

II. **L-ipprezzar tas-sostenn mill-Istat fuq il-bażi tal-valutazzjoni**

Il-valutazzjoni tal-assi għandha tkun distinta mill-ipprezzar ta' miżura ta' sostenn. Xiri jew assigurazzjoni fuq il-bażi tal-valur tas-suq kurrenti stabbilit jew il-"valur ekonomiku reali", li fih jitqiesu l-projezzjonijiet dwar flussi tal-flus futuri fuq bażi ta' żamma sal-maturità, fil-prattika ħafna drabi jeċċedu l-kapaċitajiet preżenti tal-banek benefiċjarji għall-qsim tal-piżijiet ([3]). L-objettiv tal-ipprezzar għandu jkun ibbażat fuq valur ta' trasferiment li jkun qrib kemm jista' jkun mal-valur ekonomiku reali identifikat. Filwaqt li jimplikaw vantaġġ meta mqabbla mal-valur tas-suq preżenti u għaldaqstant jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, il-prezzijiet fuq il-bażi tal-"valur ekonomiku reali" jistgħu jiġu pperċepiti bħala kontrobilanċ għall-esaġerazzjonijiet tas-suq alimentati mill-kundizzjonijiet attwali ta' kriżi li wasslu għad-deterjorament jew saħansitra għall-kollass ta' ċerti swieq. Akbar ma tkun kbira kwalunkwe devjazzjoni tal-valur tat-trasferiment mill-"valur ekonomiku reali", u għalhekk l-ammont ta' għajnuna, iktar ikun hemm il-ħtieġa għal miżuri ta' rimedju biex jiżguraw prezzar preċiż matul iż-żmien (pereżempju, permezz ta' klawsoli "better fortune") u għal ristrutturar aktar fil-fond. Id-devjazzjoni ammissibbli mir-riżultat tal-valutazzjoni għandha tkun aktar ristretta għall-assi li l-valur tagħhom jista' jiġi stabbilit fuq il-bażi ta' input affidabbli tas-suq milli għal dawk li għalihom is-swieq mhumiex likwidi. In-nuqqas ta' konformità ma' dawn il-prinċipji jirrappreżenta indikatur qawwi għall-ħtieġa ta' ristrutturar u ta' miżuri ta' kumpens wiesa' jew saħansitra stralċ b'mod ordnat.

Fi kwalunkwe każ, l-ipprezzar ta' kull salvataġġ tal-assi għandu jinkludi remunerazzjoni għall-Istat li tqis b'mod adegwat ir-riskji ta' telf futur li jeċċedi dak li huwa pproġettat fid-determinazzjoni tal-"valur ekonomiku reali" u kull riskju addizzjonali li jirriżulta minn valur tat-trasferiment ogħla mill-valur ekonomiku reali.

Dan il-ħlas jista' jiġu pprovdut permezz tal-iffissar tal-prezz ta' trasferiment tal-assi taħt il-"valur ekonomiku reali" sa livell suffiċjenti sabiex jipprovdi għal kumpens xieraq għar-riskju fil-forma ta' potenzjal ta' qligħ proporzjonat, jew billi tiġi adattata il-miżata tal-garanzija b'mod xieraq.

---

([1]) Fi kwalunkwe każ, irkant ikun possibbli biss għal klassijiet omoġeni ta' assi u fejn ikun jeżisti numru kbir biżżejjed ta' bejjiegħa potenzjali. Minbarra dan, ikun jinħtieġ li jiġi introdott prezz ta' riżerva sabiex tiġi assigurata l-protezzjoni tal-interessi tal-Istat u mekkaniżmu ta' claw back għal li jista' jkun it-telf finali jeċċedi l-prezz ta' riżerva, sabiex tiġi assigurata kontribuzzjoni suffiċjenti mill-bank benefiċjarju. Sabiex jiġu evalwati dawn il-mekkaniżmi, għandhom jitressqu xenarji komparattivi b'alternattivi u skemi ta' garanzija/xiri, inklużi stress tests, sabiex tiġi garantita l-ekwivalenza finanzjarja globali tagħhom.

([2]) Il-Kummissjoni se tuża l-alternattiva ta' dawn il-bordijiet esperti ta' valutazzjoni b'mod simili għall proċedimenti oħrajn dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn jista' jkollha aċċess għal għarfien espert estern.

([3]) Ara t-taqsima 5.2.

L-identifikazzjoni tal-mira għar-rendita meħtieġa tista' tkun 'ispirata' mir-remunerazzjoni li kieku kienet tkun meħtieġa għal miżuri ta' rikapitalizzazzjoni sal-limitu tal-effett tal-kapital tas-salvataġġ tal-assi propost. Dan għandu jkun konformi mal-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-rikapitalizzazzjoni tal-banek, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tal-miżuri ta' salvataġġ tal-assi u b'mod partikolari l-fatt li dawn jistgħu jinvolvu esponiment ogħla minn injezzjonijiet kapitali ([1]).

Is-sistema ta' pprezzar tista' wkoll tinkludi warrants għall-ishma fil-banek ugwali għall-valur għall-assi (li jimplika li prezz ogħla mħallas jirriżulta f'sehem ta' ekwità potenzjali ogħla). Mudell wieħed għal sistema ta' pprezzar bħal din jista' jkun xenarju ta' xiri ta' assi, fejn dawn il-warrants jingħataw lura lill-bank ladarba l-assi jinbiegħu mill-bank ħażin u jekk huma jkunu ġabu r-rendita neċessarja maħsuba. Jekk l-assi ma jġibux din ir-rendita, il-bank għandu jħallas id-differenza fi flus biex tintlaħaq ir-rendita maħsuba. Jekk il-bank ma jħallasx dawn il-flus, l-Istat ibigħ il-warrants sabiex tintlaħaq ir-rendita maħsuba.

F'xenarju ta' garanzija tal-assi, il-miżata għall-garanzija tista' titħallas fil-forma ta' ishma, b'imgħax kumulattiv fiss li jirrappreżenta r-rendita maħsuba. Fejn ikun meħtieġ li tittieħed il-garanzija, l-Istat Membru jista' juża l-warrants sabiex jakkwista ishma li jikkorrispondu għall-ammonti li kellhom jiġu koperti mill-garanzija.

Kwalunkwe sistema ta' pprezzar ikollha tiżgura li l-kontribut kumplessiv tal-banek benefiċjarji jnaqqas l-intervent mill-Istat għall-minimu neċessarju.

---

([1]) F'xenarju ta' garanzija ta' assi, ikollu jitqies ukoll li f'kuntrast mal-miżuri tar-rikapitalizzazzjoni, ma tiġi pprovduta l-ebda likwidità.

*ANNESS V*

**Proċedura ta' għajnuna mill-Istat**

L-Istati Membri li jinnotifikaw miżuri ta' salvataġġ tal-assi għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni informazzjoni sħiħa u dettaljata dwar l-elementi kollha ta' relevanza għall-valutazzjoni tal-miżuri ta' appoġġ pubbliku taħt ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat kif stabbiliti f'din il-Komunikazzjoni ([1]). Dan jinkludi partikolarment id-deskrizzjoni dettaljata tal-metodoloġija tal-valutazzjoni u l-implimentazzjoni intenzjonata li tinvolvi għarfien espert ta' parti terza indipendenti ([2]). L-approvazzjoni mill-Kummissjoni tingħata għal perjodu ta' 6 xhur, u b'kondizzjoni skont l-impenn li jiġi ppreżentat jew pjan ta' ristrutturar jew analiżi tal-vijabbiltà għal kull istituzzjoni benefiċjarja fi żmien 3 xhur mill-adeżjoni tagħha mal-programm tas-salvataġġ tal-assi.

Fejn bank jingħata għajnuna kemm bħala miżura individwali jew taħt skema approvata ta' salvataġġ tal-assi, l-Istat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni, l-aktar tard fin-notifika individwali dwar il-pjan ta' ristrutturar jew l-analiżi tal-vijabbiltà, b'informazzjoni dettaljata dwar l-assi koperti u l-valutazzjoni fil-waqt li tali għajnuna individwali hija mogħtija, kif ukoll ir-riżultati ċertifikati u validati tal-iżvelar ta' indebolimenti li jikkonċernaw l-assi koperti mill-miżura ta' salvataġġ ([3]). L-analiżi sħiħa tal-attivitajiet u tal-karta tal-bilanċ tal-bank għandha tiġi pprovduta kemm jista' jkun malajr biex jinbdew diskussjonijiet dwar il-karattru xieraq u l-firxa tar-ristrutturar kmieni biżżejjed qabel il-preżentazzjoni formali ta' pjan ta' ristrutturar bil-għan li jiġi aċċellerat il-proċess u li tiġi pprovduta ċarezza u ċertezza legali kemm jista' jkun malajr.

Għall-banek li diġà bbenefikaw minn forom oħra ta' għajnuna mill-Istat, kemm jekk tkun taħt garanzija approvata, skambji ta' assi jew skemi jew miżuri individwali ta' rikapitalizzazzjoni, kwalunkwe għajnuna mogħtija taħt l-skema ta' salvataġġ tal-assi għandha tiġi rrappurtata l-ewwel taħt l-obbligi eżistenti ta' rappurtar sabiex il-Kummissjoni jkollha stampa sħiħa ta' miżuri ta' salvataġġ mill-Istat multipli li jibbenefika minnhom destinatarju tal-għajnuna u tkun tista' tapprezza aħjar l-effikaċja tal-miżuri ta' qabel u l-kontribuzzjoni li l-Istat Membru jipproponi li jintroduċi fl-evalwazzjoni globali.

Il-Kummissjoni għandha terġa' tevalwa l-għajnuna mogħtija taħt approvazzjoni temporanja fid-dawl tal-adegwatezza tar-ristrutturar propost u l-miżuri ta' rimedju ([4]), u għandha tieħu pożizzjoni dwar il-kompatibbiltà tagħha għal żmien itwal minn 6 xhur permezz ta' deċiżjoni ġdida.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll rapport lill-Kummissjoni kull sitt xhur dwar il-funzjonament tal-programm ta' salvataġġ tal-assi u dwar l-iżvilupp tal-pjanijiet ta' ristrutturar tal-banek. Fejn l-Istat Membru diġà huwa soġġett għal obbligu ta' rrapurtar għal forom oħra ta' għajnuna lill-banek tiegħu, rapport bħal dan għandu jiġi kkumplimentat bl-informazzjoni meħtieġa dwar il-miżuri ta' salvataġġ tal-assi u l-pjanijiet ta' ristrutturar tal-banek.

---

([1]) Huwa inkoraġġit li jsir kuntatt qabel in-notifika.
([2]) Ara t-taqsima 5.5 aktar 'il fuq u l-Anness IV.
([3]) Għandha tiġi pprovduta ittra mill-kap tal-awtorità tas-superviżjoni li tiċċertifika r-riżultati dettaljati.
([4]) Sabiex jiġi ffaċilitat ix-xogħol tal-Istati Membri u l-Kummissjoni, il-Kummissjoni se tkun ippreparata li teżamina notifiki miġbura flimkien ta' każijiet simili ta' ristrutturar/stralċ. Il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li m'hem l-ebda ħtieġa li jitressaq pjan għall-istralċ pur ta' istituzzjoni, jew fejn id-daqs tal istituzzjoni huwa negliġibbli.

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.5364 — Iberia/Vueling/Clickair)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 72/02)

Fid-9 ta' Jannar 2009, il-Kummissjoni iddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1) flimkien ma' l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test kollu tad-deċiżjoni jinsab bl-Ispanjol u se jkun ippubblikat wara li jkun meħlus minn kwalunkwe sigrieti tan-negozju li jista' jkun fih. Hu jinstab:

— mill-websajt tal-kompetizzjoni ta' l-Europa (http://ec.europa.eu/comm/competition/mergers/cases/). Dan il-websajt jipprovdi faċilitajiet varji biex jgħinu jinstabu deċiżjonijiet individwali ta' fużjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u indiċi settorali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex fid-dokument numru 32009M5364. EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea (http://eur-lex.europa.eu).

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI

## Rata tal-kambju ta' l-euro [1]

## Il-25 ta' Marzu 2009

(2009/C 72/03)

**1 euro** =

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3494 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,9310 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 132,24 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,6598 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4486 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,4580 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,92425 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 2,3847 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,9565 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 2,0376 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,5230 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 837,68 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 12,8317 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,7275 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 9,2176 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,4750 |
| CZK | Krona Ċeka | 27,290 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 15 754,25 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,8956 |
| HUF | Forint Ungeriż | 300,22 | PHP | Peso Filippin | 64,880 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 45,4110 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7095 | THB | Baht Tajlandiż | 47,890 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,5600 | BRL | Real Brażiljan | 3,0442 |
| RON | Leu Rumen | 4,2811 | MXN | Peso Messikan | 19,3909 |
| TRY | Lira Turka | 2,2433 | INR | Rupi Indjan | 68,3740 |

[1] *Sors:* rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Fl-artikolu 15 tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91

(2009/C 72/04)

L-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 ta' l-24 ta' Ġunju 1991 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fil-prodotti agrikoli u fl-oġġetti ta' l-ikel, jeħtieġ li l-Istati Membri jwaqqfu sistema ta' l-ispezzjoni operata minn awtorità ta' spezzjoni maħtura waħda jew aktar u/jew mill-korpi privati approvati għall-ispezzjoni

Skond id-dispożizzjoni ta' l-aħħar subparagrafu ta' l-Artikolu 15 tar-Regolament, il-komunikazzjoni kurrenti telenka, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mill-Istati Membri riveduta fl-2008, is-sistema li qed topera f'kull Stat Membru u mill-korpi u/jew mill-awtoritajiet approvati għall-ispezzjoni.

Taħt il-kolonna "kummenti" is-sistemi li qed joperaw f'kull wieħed mill-Istati Membri huma indikati kif ġej-jin:

A: Sistema tal-korpi privati approvati għall-ispezzjoni

B: Sistema ta' l-awtorità(jiet) maħtura għall-ispezzjoni pubblika(iċi)

C: Sistema ta' l-awtorità maħtura għall-ispezzjoni pubblika u tal-korpi privati approvati għall-ispezzjoni

Minn Jannar 1998 il-korpi approvati għall-ispezzjoni fl-Unjoni Ewropea għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fil-kondizzjonijiet ta' l-istandard EN 45011. (L-Artikolu 9(10) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91).

Il-lista tiġbor ukoll il-korpi u/jew l-awtoritajiet approvati għall-ispezzjoni mill-pajjiżi li mhumiex parti mill-KEE iżda marbutin maż-ŻEE.

### L-AWSTRIJA U SPANJA

Fl-Awstrija u fi Spanja, il-korpi għandhom l-attivitajiet tagħhom limitati għal ċerti Länder/Komunitajiet Awtonomi speċifikati.

Il-kodiċijiet li ġejjin ġew użati għal-Länder/Komunitajiet Awtonomi differenti, fil-kolonna "kummenti"

**L-Awstrija**

| | |
|---|---|
| Carinthia | K |
| L-Awstrija ta' Isfel | N |
| L-Awstrija ta' Fuq | O |
| Salzburg | S |
| Styria | ST |
| Tyrol | T |
| Vjenna | W |
| Burgenland | B |
| Vorarlberg | V |

**Spanja**

| | |
|---|---|
| Andalusia | AN |
| Aragona | AR |
| Asturias | AS |
| Gżejjer Balearići | BA |
| Gżejjer Kanarji | CA |
| Cantabria | CN |
| Castile-La Mancha | CM |
| Castile-y-Léon | CL |
| Catalonia | CT |
| Extremadura | EX |
| Galicia | GA |
| Rioja | RI |
| Madrid | MA |
| Murcia | MU |
| Navarre | NA |
| Il-pajjiż Bask | VAS |
| Valenzja | VA |

| L-Istati membri u kodiċijiet | Awtorita'(ijiet) jew korp(i) | Kummenti |
|---|---|---|
| **L-AWSTRIJA** | | **Sistema A** |
| AT-N-01-BIO | Austria Bio Garantie<br>Königsbrunnerstrasse 8<br>A-2202 Enzersfeld<br>Tel: +43 2262 67 22 12<br>Fax: +43 22 62 67 41 43<br>E-mail: nw@abg.at<br>Website: www.abg.at | N, B, K, O, S, ST, T, V, W |
| AT-0-01-BIO | BIOS — Biokontrollservice Österreich<br>Feyregg 39<br>A-4552 Wartberg<br>Tel: +43 7587 7178<br>Fax:+43 7587 71 78-11<br>E-mail: office@bios-kontrolle.at<br>Website: www.bios-kontrolle.at | O, B, K, N, S, ST, T, V, W |
| AT-O-02-BIO | LACON GmbH<br>Linzerstrasse 2<br>A-4150 Rohrbach<br>Tel: +43 7289 40977<br>Fax: +43 7289 40977-4<br>E-mail: office@lacon-institut.at<br>Website: www.lacon-institut.at | O, B, K, N, S, ST, T, V, W |
| AT-O-04-BIO | GfRS Gesellschaft für Ressourcenschutz mbH<br>Prinzenstraße 4<br>D-37073 Göttingen<br>Tel: +49 551 58657<br>Fax: +49 551 58774<br>E-mail: postmaster@gfrs.de<br>Website: www.gfrs.de | O, B, K, S, ST, T |
| AT-S-01-BIO | SLK GesmbH<br>Maria-Cebotari-Strasse 3<br>A-5020 Salzburg<br>Tel: +43 (0)662 649483 14 or +43 (0)662 649483 11<br>Fax: +43 662 649 483 19<br>E-mail: office@slk.at<br>Website: www.slk.at | S, B, K, N, O,ST, T, V, W |
| AT-T-01-BIO | Kontrollservice BIKO Tirol<br>Wilhelm — Greil — Straße 9<br>A-6020 Innsbruck<br>Tel: +43 (0)59292-3100 or +43 (0)59292 3101<br>Fax: +43 059292-3199<br>E-mail: office@biko.at<br>Website: www.biko.at | T, K, N, O, S, V, W |
| AT-W-01-BIO | LVA<br>Blaasstrasse 29<br>A-1190 Wien<br>Tel: +43 (0)1 3688555 541 or +43 (0)1 3688555 12<br>Fax: +43 1 368 85 55-20<br>E-mail: cs@lva.co.at or bio@lva.at<br>Website: www.lva.co.at | W, B, K, N, O, S, ST, T, V |
1. Li jibda proċedura għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni taż-żejt mhux raffinat u tal-gass naturali fil-Blokk 1-5 "Devetaki", b'erja tal-wiċċ ta' 786,74 km kwadru u b'koordinati ta' punti kif speċifikati u indikati fil-mappa li tinsab fl-abbozz tal-kuntratt għat-tiftix u l-esplorazzjoni, li hija parti integrali mill-fajl tal-kompetizzjoni.

2. Li jħabbar li l-għoti tal-awtorizzazzjoni skont il-punt 1 se jkun imsejjes fuq il-kompetizzjoni.

3. Li jispeċifika li l-perjodu ta' żmien kopert mill-awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni huwa ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-kuntratt għat-tiftix u l-esplorazzjoni, bid-dritt li dan il-perjodu jkun jista' jiġi estiż skont l-Artikolu 31(3) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art.

4. Il-kompetizzjoni għall-għoti tal-awtorizzazzjoni skont il-punt 1 issir fil-150 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fil-bini tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija, Nru 8, Sofia.

5. Id-data tal-għeluq għax-xiri tal-fajl tal-kompetizzjoni hija l-17:00 fil-120 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

6. Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tan-notifikazzjonijiet għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni hija l-17:00 fil-130 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

7. Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-kompetizzjoni hija l-17:00 fil-144 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

8. Il-kompetizzjoni ma titlobx li jkun hemm il-preżenza personali.

9. Il-prezz tal-fajl tal-kompetizzjoni huwa stabbilit għal BGN 500 (500 leva Bulgara). Il-fajl tal-kompetizzjoni jista' jinxtara mill-kamra Nru 802 tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija, Nru 8, Sofia, matul il-perjodu ffissat fil-punt 5.

10. Il-parteċipanti fil-kompetizzjoni għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 23(1) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art.

11. L-applikazzjonijiet tal-parteċipanti fil-kompetizzjoni se jkunu evalwati abbażi tal-programmi ta' ħidma proposti, l-istrumenti tal-protezzjoni ambjentali u l-istrumenti tat-taħriġ, il-bonusijiet u wkoll skont il-kapaċitajiet maniġerjali u finanzjarji tagħhom.

12. Id-depożitu għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni huwa stabbilit għal BGN 10 000 (10 000 leva Bulgara) u għandu jitħallas qabel id-data tal-għeluq speċifikata fil-punt 6, fil-kont bankarju tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija, kif mistqarr fil-fajl tal-kompetizzjoni.

13. Fil-każ li t-talba tal-applikant biex jipparteċipa fil-kompetizzjoni ma tintlaqax, l-applikant jirċievi lura d-depożitu li jkun ħallas f'forma ta' rimbors fi żmien 14-il jum mid-data meta jkun ġie nnotifikat li l-applikazzjoni tiegħu ma ntlaqgħetx.

14. Id-depożitu tal-applikant li jkun rebaħ il-kompetizzjoni jinżamm u l-bqija tal-applikanti l-oħra jirċievu lura d-depożiti f'forma ta' rimbors fi żmien 14-il jum mill-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni fil-*Gazzetta tal-Istat*.

15. In-notifikazzjonijiet għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni u l-proposti mill-applikanti dwar il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni għandhom jiġu ppreżentati lill-Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija, Nru 8, skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 46 tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art.

16. L-applikazzjonijiet għall-kompetizzjoni għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti u mal-kundizzjonijiet indikati fil-fajl tal-kompetizzjoni.

17. Il-kompetizzjoni tista' ssir anke jekk jitħalla jipparteċipa applikant wieħed biss.

18. Il-Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija huwa awtorizzat jagħmel kif ġej:

18.1. Li jibgħat it-test ta' din id-Deċiżjoni biex jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fil-*Gazzetta tal-Istat*, kif ukoll fuq is-sit tal-internet tal-Kunsill tal-Ministri;

18.2. Li jaħtar kumitat biex jorganizza u jmexxi l-kompetizzjoni.

19. L-appelli kontra din id-Deċiżjoni jistgħu jiġu indirizzati lill-Qorti Amministrattiva Suprema fi żmien 14-il jum mill-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Il-Prim Ministru*

Sergeï STANISHEV

*Is-Segretarju Prinċipali tal-Kunsill tal-Ministri*

Veselin DAKOV

Kopja awtentika

*Id-Direttur tal-Uffiċċju tal-Kabinett*

Veselin DAKOV

**Id-Deċiżjoni Nru 843**

**tat-23 ta' Diċembru 2008**

**dwar il-ftuħ ta' proċedura għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni ta' żejt u gass — Riżorsi naturali ta' taħt l-art skont l-Artikolu 2(1)(3) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art, fil-Blokk 1-9 "Miziya", li jinsab fil-provinċja ta' Vratsa, u n-notifikazzjoniji rigward il-kompetizzjoni prevista għall-għoti tal-awtorizzazzjoni**

(2009/C 72/07)

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI

Skont l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 42(1)(1) u l-Artikolu 44(3) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art, u b'kunsiderazzjoni tal-Artikolu 4(2)(16) u l-Artikolu 1(24a) tal-Att tal-Enerġija,

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI DDEĊIEDA:

1. Li jibda proċedura għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni taż-żejt mhux raffinat u tal-gass naturali fil-Blokk 1-9 "Miziya", b'erja tal-wiċċ ta' 155,95 km kwadru u b'koordinati ta' punti kif speċifikati u indikati fil-mappa li tinsab fl-abbozz tal-kuntratt għat-tiftix u l-esplorazzjoni, li hija parti integrali mill-fajl tal-kompetizzjoni.

2. Li jħabbar li l-għoti tal-awtorizzazzjoni skont il-punt 1 se jkun imsejjes fuq kompetizzjoni.

3. Li jispeċifika li l-perjodu ta' żmien kopert mill-awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni huwa ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-kuntratt għat-tiftix u u l-esplorazzjoni, bid-dritt li dan il-perjodu jkun jista' jiġi estiż skont l-Artikolu 31(3) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art.

4. Il-kompetizzjoni għall-għoti tal-awtorizzazzjoni skont il-punt 1 issir fil-150 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fil-bini tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija, Nru 8,, Sofia.

5. Id-data tal-għeluq għax-xiri tal-fajl tal-kompetizzjoni hija l-17:00 fil-120 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

6. Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tan-notifikazzjonijiet għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni hija l-17:00 fil-130 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

7. Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-kompetizzjoni hija l-17:00 fil-144 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

8. Il-kompetizzjoni ma titlobx li jkun hemm il-preżenza personali.

9. Il-prezz tal-fajl tal-kompetizzjoni huwa stabbilit għal BGN 500 (500 leva Bulgara). Il-fajl tal-kompetizzjoni jista' jinxtara mill-kamra Nru 802 tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija, Nru 8,, Sofia, matul il-perjodu ffissat fil-punt 5.

10. Il-parteċipanti fil-kompetizzjoni għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 23(1) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art.

11. L-applikazzjonijiet tal-parteċipanti fil-kompetizzjoni se jkunu evalwati abbażi tal-programmi ta' ħidma proposti, l-istrumenti tal-protezzjoni ambjentali u l-istrumenti tat-taħriġ, il-bonusijiet u wkoll skont il-kapaċitajiet maniġerjali u finanzjarji tagħhom.

12. Id-depożitu għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni huwa stabbilit għal BGN 10 000 (10 000 leva Bulgara) u għandu jitħallas qabel id-data tal-għeluq speċifikata fil-punt 6, fil-kont bankarju tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija, kif mistqarr fil-fajl tal-kompetizzjoni.

13. Fil-każ li t-talba tal-applikant biex jipparteċipa fil-kompetizzjoni ma tintlaqax, l-applikant jirċievi lura d-depożitu li jkun ħallas f'forma ta' rimbors fi żmien 14-il jum mid-data meta jkun ġie nnotifikat li l-applikazzjoni tiegħu ma ntlaqgħetx.

14. Id-depożitu tal-applikant li jkun rebaħ il-kompetizzjoni jinżamm u l-bqija tal-applikanti l-oħra jirċievu lura d-depożiti f'forma ta' rimbors fi żmien 14-il jum mill-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni fil-*Gazzetta tal-Istat*.

15. In-notifikazzjonijiet għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni u l-proposti mill-applikanti dwar il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni għandhom jiġu ppreżentati lill-Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija, Nru 8„ skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 46 tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art.

16. L-applikazzjonijiet għall-kompetizzjoni għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti u mal-kundizzjonijiet indikati fil-fajl tal-kompetizzjoni.

17. Il-kompetizzjoni tista' ssir anke jekk jitħalla jipparteċipa applikant wieħed biss.

18. Il-Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija huwa awtorizzat jagħmel kif ġej:

18.1 Li jibgħat it-test ta' din id-Deċiżjoni biex jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fil-*Gazzetta tal-Istat*, kif ukoll fuq is-sit tal-internet tal-Kunsill tal-Ministri;

18.2 Li jaħtar kumitat biex jorgamizza u jmexxi l-kompetizzjoni.

19. L-appelli kontra din id-Deċiżjoni jistgħu jiġu indirizzati lill-Qorti Amministrattiva Suprema fi żmien 14-il jum mill-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Il-Prim Ministru*

Sergeï STANISHEV

*Is-Segretarju Prinċipali tal-Kunsill tal-Ministri*

Veselin DAKOV

Kopja awtentika,

*Id-Direttur tal-Uffiċċju tal-Kabinett*

Veselin DAKOV

# ID-DEĊIŻJONI Nru 844

## tat-23 ta' Diċembru 2008

## dwar il-ftuħ ta' proċedura għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni ta' żejt u gass — Riżorsi naturali ta' taħt l-art skont l-Artikolu 2(1)(3) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art, fil-Blokk 1-10 "Botevo", li jinsab fil-provinċji ta' Vratsa u Montana, u n-notifikazzjoniji rigward il-kompetizzjoni prevista għall-għoti tal-awtorizzazzjoni

(2009/C 72/08)

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI

Skont l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 42(1)(1) u l-Artikolu 44(3) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art, u b'kunsiderazzjoni tal-Artikolu 4(2)(16) u l-Artikolu 1(24a) tal-Att tal-Enerġija,

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI DDEĊIEDA:

1. Li jibda proċedura għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni taż-żejt mhux raffinat u tal-gass naturali fil-Blokk 1-10 "Botevo", b'erja tal-wiċċ ta' 280.58 km kwadru u b'koordinati ta' punti kif speċifikati u indikati fil-mappa li tinsab fl-abbozz tal-kuntratt għat-tiftix u l-esplorazzjoni, li hija parti integrali mill-fajl tal-kompetizzjoni.

2. Li jħabbar li l-għoti tal-awtorizzazzjoni skont il-punt 1 se jkun imsejjes fuq kompetizzjoni.

3. Li jispeċifika li l-perjodu ta' żmien kopert mill-awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni huwa ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-kuntratt għat-tiftix u u l-esplorazzjoni, bid-dritt li dan il-perjodu jkun jista' jiġi estiż skont l-Artikolu 31(3) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art.

4. Il-kompetizzjoni għall-għoti tal-awtorizzazzjoni skont il-punt 1 issir fil-150 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fil-bini tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija, Nru 8, Sofia.

5. Id-data tal-għeluq għax-xiri tal-fajl tal-kompetizzjoni hija l-17:00 fil-120 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

6. Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tan-notifikazzjonijiet għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni hija l-17:00 fil-130 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

7. Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-kompetizzjoni hija l-17:00 fil-144 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

8. Il-kompetizzjoni ma titlobx li jkun hemm il-preżenza personali.

9. Il-prezz tal-fajl tal-kompetizzjoni huwa stabbilit għal BGN 500 (500 leva Bulgara). Il-fajl tal-kompetizzjoni jista' jinxtara mill-kamra Nru 802 tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija, Nru 8, Sofia, matul il-perjodu ffissat fil-punt 5.

10. Il-parteċipanti fil-kompetizzjoni għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 23(1) tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art.

11. L-applikazzjonijiet tal-parteċipanti fil-kompetizzjoni se jkunu evalwati abbażi tal-programmi ta' ħidma proposti, l-istrumenti tal-protezzjoni ambjentali u l-istrumenti tat-taħriġ, il-bonusijiet u wkoll skont il-kapaċitajiet maniġerjali u finanzjarji tagħhom.

12. Id-depożitu għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni huwa stabbilit għal BGN 10 000 (10 000 leva Bulgara) u għandu jitħallas qabel id-data tal-għeluq speċifikata fil-punt 6, fil-kont bankarju tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija, kif mistqarr fil-fajl tal-kompetizzjoni.

13. Fil-każ li t-talba tal-applikant biex jipparteċipa fil-kompetizzjoni ma tintlaqax, l-applikant jirċievi lura d-depożitu li jkun ħallas f'forma ta' rimbors fi żmien 14-il jum mid-data meta jkun ġie nnotifikat li l-applikazzjoni tiegħu ma ntlaqgħetx.

14. Id-depożitu tal-applikant li jkun rebaħ il-kompetizzjoni jinżamm u l-bqija tal-applikanti l-oħra jirċievu lura d-depożiti f'forma ta' rimbors fi żmien 14-il jum mill-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri għall-għoti tal-awtorizzazzjoni għat-tiftix u l-esplorazzjoni fil-*Gazzetta tal-Istat*.

15. In-notifikazzjonijiet għall-parteċipazzjoni fil-kompetizzjoni u l-proposti mill-applikanti dwar il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni għandhom jiġu ppreżentati lill-Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija, Nru 8,, skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 46 tal-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' Taħt l-Art.

16. L-applikazzjonijiet għall-kompetizzjoni għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti u mal-kundizzjonijiet indikati fil-fajl tal-kompetizzjoni.

17. Il-kompetizzjoni tista' ssir anke jekk jitħalla jipparteċipa applikant wieħed biss.

18. Il-Ministeru tal-Ekonomija u l-Enerġija huwa awtorizzat jagħmel kif ġej:

18.1. Li jibgħat it-test ta' din id-Deċiżjoni biex jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fil-*Gazzetta tal-Istat*, kif ukoll fuq is-sit tal-internet tal-Kunsill tal-Ministri;

18.2. Li jaħtar kumitat biex jorganizza u jmexxi l-kompetizzjoni.

19. L-appelli kontra din id-Deċiżjoni jistgħu jiġu indirizzati lill-Qorti Amministrattiva Suprema fi żmien 14-il jum mill-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Il-Prim Ministru*

Sergeï STANISHEV

*Is-Segretarju Prinċipali tal-Kunsill tal-Ministri*

Veselin DAKOV

Kopja awtentika

*Id-Direttur tal-Uffiċċju tal-Kabinett*

Veselin DAKOV

# ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel**

(2009/C 72/09)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ([1]). Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu l-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

SOMMARJU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"GRELOS DE GALICIA"**

**Nru tal-KE: ES-PGI-0005-0469-13.06.2005**

**DPO ( ) IĠP ( X )**

Dan is-sommarju jippreżenta l-elementi ewlenin tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott b'finijiet ta' informazzjoni biss.

1. **Dipartiment responsabbli fl-Istat Membru:**

| | |
|---|---|
| Identità: | Subdirección General de Calidad y Agricultura ecológica — Dirección General de Industrias y Mercados Agroalimentarios — Secretaría General de Medio Rural del Ministerio de Medio Ambiente, y Medio Rural y Marino de España |
| Indirizz: | Paseo Infanta Isabel 1<br>28071 Madrid<br>ESPAÑA |
| Tel. | +34 913475394 |
| Feks | +34 913475410 |
| Posta elettronika: | sgcaae@mapya.es |

2. **Grupp:**

| | |
|---|---|
| Identità: | CHAMPIVIL, S.L. y otros |
| Indirizz: | Mourence, 6<br>27820 Villalba (Lugo)<br>ESPAÑA |
| Tel. | +34 9825112 22 |
| Feks | +34 982512135 |
| Posta elettronika: | info@champivil.com |
| Kompożizzjoni: | Produtturi/Proċessaturi ( X ) Oħrajn ( ) |

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

3. **Tip ta' prodott:**

Klassi 1.6 — Frott, ħaxix u ċereali fl-istat oriġinali jew ipproċessati.

4. **Speċifikazzjoni:**

(Sommarju tar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

4.1. *Isem tal-prodott*

"Grelos de Galicia"

4.2. *Deskrizzjoni*

Il-prodott protett mill-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Grelos de Galicia" hija l-parti veġetativa, destinata għall-konsum mill-bniedem, ta' pjanti tal-ispeċi *Brassica rapa L. var. rapa* (isem komuni nevew), mill-varjetà tal-gruppi ekwivalenti għall-ekotipi Santiago u Lugo, u l-varjetajiet kummerċjali rreġistrati "Grelos de Santiago" u "Globo blanco de Lugo", li jirrappreżentaw dawn iż-żewġ ekotipi u li jinbiegħu friski, iffriżati u ppreservati.

Il-karatteristiċi morfoloġiċi tal-pjanta huma dawn: għerq prinċipali (taproot), b'parti minfuħa li hija magħquda maz-zokk dritt li jofroq mill-basla. Weraq żgħar tawwalin u muswafa fuq il-parti t'isfel, b'lobi laterali żgħar u wesgħin, li jkunu ikbar iktar il fuq. Weraq fuq il-parti superjuri tal-pjanta fil-livell tal-fjuri ta' forma tawwalija ppuntata, b'żewġ awrikoli ttundjati, mingħajr suf u li jħaddnu z-zokk.

Id-denominazzjoni "grelos" tintuża indiskriminatament bħala referenza għall-weraq u z-zkuk veġetativi li jinġabru matul iċ-ċiklu ta' ħajja tal-pjanta, li tissejjaħ "nabizaz"; u l-weraq u l-irjus tal-fjuri li jinġabru immedjatament qabel il-perjodu ta' fjoritura, magħruf f'bosta partijiet ta' Galicia bħala "cimos"

Il-brassika ħadra friska tinbiegħ f'partijiet uniformi skont l-oriġini u l-varjetà, billi jintużaw għenieqed tradizzjonali li jiżnu bejn wieħed u ieħor 0,5 kg jew 1 kg, marbutin b'zkuk veġetali jew materjali oħra awtorizzati fil-Manwal ta' Kwalità.

Il-brassika ħadra iffriżata tiġi mqassma skont id-daqs, maħsula, mismuta u f'xi każijiet titpoġġa f'kaxxi qabel ma tiġi ffriżata, u tiġi ppakkjata f'kontenituri ta' piżijiet u magħmula minn materjali awtorizzati mill-leġiżlazzjoni attwali u espliċitament stipulati fil-Manwal ta' Kwalità.

Il-brassika ħadra ppreservata tiġi pproċessata b'mod naturali, u jiġi miżjud biss l-ilma tat-tisjir u melħ għall-likwidu li jgħattiha, mingħajr aċidifikazzjoni, u titpoġġa f'laned jew vażetti tal-ħġieġ ta' piżijiet awtorizzati mill-leġiżlazzjoni attwali u espliċitament stipulati fil-Manwal ta' Kwalità.

*Karatteristiċi organolettiċi*: Il-brassika ħadra ma tittikilx nejja. Biex tkun tista' tittiekel, għandha tiġu msajjra għal perjodu li jvarja skont l-iżvilupp fenoloġiku tagħha. Għaldaqstant il-karatteristiċi organolettiċi tagħha jirreferu għal brassika ħadra li hija lesta għall-konsum, fi kliem ieħor imsajjra, jew mill-konsumaturi jew ipproċessati b'mod industrijali.

Dawn il-karatteristiċi huma kif ġej: Kulur aħdar skur, li jiskura iktar meta l-pjanta teqreb il-fażi ta' fjoritura. Togħma ftit aċiduża, u morra. b'konsistenza ftit fibruża, iktar qawwija jekk il-varjetà għandha weraq iktar dojoq, b'perċenwali iktar għolja ta' weraq żgħar. ftit ratba minħabba l-kontenut baxx ta' fibri.

4.3. *Żona ġeografika:*

Iż-żona ta' produzzjoni hija mifruxa għall-muniċipalitajiet kollha tal-Komunità Awtonoma ta' Galicia. Iż-żona tal-preparazzjoni u l-ippakkjar hija l-istess żona.

4.4. *Prova tal-oriġini:*

Hija biss il-brassika ħadra kkultivata skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-ispeċifikazzjonijiet u l-Manwal ta' Kwalità f'għelieqi żgħar u minn kultivaturi rreġistrati fir-reġistru ekwivalenti li tista' tingħata l-IĠP "Grelos de Galicia" jew tintuża għall-ipproċessar ta' brassika ħadra koperta minn din l-IĠP Bl-istess mod, tista' tuża d-denominazzjoni IĠP "Grelos de Galicia", biss il-brassika ħadra li tiġi pproċessata jew ippakkjat fil-faċilitajiet korrispondenti fir-reġistru.

Kull persuna, naturali jew ġuridika, li għandha proprjetà mniżżla fir-reġistri, l-għelieqi, il-ħwienet, l-industrija u l-prodotti, tista' tiġi spezzjonati u verifikati mill-entità ta' kontroll, bil-għan li jiġi żgurat li l-prodotti li jaqgħu taħt id-denominazzjoni Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Grelos de Galicia", huma konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Manwal ta' Kwalità.

4.5. *Metodu ta' produzzjoni:*

Iż-żerriegħa li għandha tintuża għall-pjanti għandha tkun mill-ekotipi Santiago u ta' Lugo, dawn iż-żewġ tipi huma ekwivalenti għall-varjetajiet kummerċjali awtorizzati "Grelos de Santiago" u "Globo blanco de Lugo" u dawk mill-gruppi rispettivi ta' varjetà li jirriżultaw mill-użu tal-istess art jew minn għelieqi oħra li huma rreġistrati fir-Reġistru tal-Pjantazzjonijiet tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Grelos de Galicia" Iż-żerriegħa tiġi miżrugħa minn nofs Awwissu, bid-data tvarja skont iż-żona u kemm il-varjetà tkun bikrija. Il-ħsad isir bl-idejn, preferibbilment f'ħin fejn ma taħkimx ix-xemx. Il-pjanti jeħtieġu maniġġar b'attenzjoni sabiex tiġi evitata l-ħsara lill-weraq li taffettwa d-dehra tagħhom u tikkawża wkoll punt ta' dħul għal mikro-organiżmi li jġorru l-mard. Meta l-prodott ikun destinat għall-industrija tal-ipproċessar jistgħu jintużaw metodi mekkaniċi ta' ħsad. Fl-istess ġurnata tal-ħsad, billi tingħata attenzjoni partikolari biex ma ssirx ħsara lill-prodott, il-brassika ħadra tintbagħat fil-ħażna għall-ippakkjar jew l-impriżi ta' proċessar skont il-każ.

L-ipproċessar u l-ippakkjar tal-brassika ħadra għandu jsir fiż-żona ġeografika definita minħabba l-kundizzjonijiet delikati li fihom għandha tiġi pproċessata u ppreservata wara l-ħsad. Dawn l-operazzjonijiet għandhom isiru fiż-żona ġeografika definita sabiex:

— Tiġi evitata d-degradazzjoni tal-prodott: Il-brassika ħadra hija ħaxixa bil-weraq li tiddeterjora malajr ħafna bejn il-ħsad u l-wasla fiċ-ċentru ta' proċessar. It-telf tal-kontenut tal-ilma flimkien mad-danni fiċ-ċelluli jġegħlu l-weraq jisfaru u jkunu inqas wieqfa, u b'hekk jitnaqqas l-ammont ta' prodott li jista' jitpoġġa fis-suq. Il-brassika ħadra għandha valur miżjud bħala ikel funzjonali minħabba l-kontenut għoli ta' glukosinolat, flavonoidi u vitamini u komposti oħra. Madankollu, ladarba jsir il-ħsad dawn il-komposti u oħrajn jiddeterjoraw malajr ħafna u dan iwassal għal telf konsiderevoli fil-valur nutritiv. Huwa magħruf li iktar minn 50 % tal-kontenut tal-vitamina Ċ jintilef fi żmien jumejn, u li l-glukosinolati (komposti anti-karsinoġeniċi) jiddeterjoraw malajr wara l-ħsad. Dan kollu jfisser li huwa meħtieġ li l-maniġġjar, it-trasport, il-ħażna u l-ipproċessar isiru mhux iktar tard minn 24 siegħa wara l-ħsad, u għalhekk huwa essenzjali li jitnaqqsu kemm jista' jkun id-distanzi bejn il-punti ta' ħsad u d-distribuzzjoni, l-ippakkjar u/jew punti oħra ta' proċessar.

— Il-garanzija ta' traċċabbiltà u l-iżgurar tal-kontroll. Iż-żona ġeografika tal-awtorità ta' ispezzjoni hija limitata għaż-żona ġeografika definita, li hija l-Komunità Awtonoma ta' Galicia. Taħt is-sistema ta' kontroll u ċertifikazzjoni, l-oriġini u t-traċċabbiltà ta' 'Grelos de Galicia' huma garantiti sakemm huma ppreparati, ipproċessati u ppakjati f'din il-Komunità.

— Iż-żamma tal-karatteristiċi tipiċi u l-ippreservar tal-kwalità "Grelos de Galicia". Hemm tradizzjoni antika tal-konsum u l-preparazzjoni ta' dan il-prodott fil-Komunità Awtonoma ta' Galicia. Il-fatt li l-ippakkjar isir f'żona ġeografika definita jikkontribwixxi b'mod deċiżiv għall-protezzjoni tal-karatteristiċi speċjali u l-kwalità ta' "Grelos de Galicia". Dan jippermetti lill-produtturi u l-Awtorità ta' ispezzjoni tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta l-kariga li jimplimentaw u jikkontrollaw ir-regoli dwar it-trasport, l-ipproċessar u l-ippakkjar tan-nevew. Dawn l-entitajiet għandhom l-għarfien u l-ħiliet neċessarji biex jiggarantixxu l-maniġġar xieraq tal-"Grelos de Galicia"

4.6. *Rabta*

L-inklużjoni tal-brassika ħadra fil-kultivazzjoni b'rotazzjoni hija dokumentata f'bosta testi muniċipali u ta' bejgħ fis-seklu XIII li jirreferu għal ażjendi tan-"nevew". Din ir-rotazzjoni kienet tippermetti li l-art tiġi sfruttata bis-sħiħ billi jkun hemm alternazzjoni bejn kultivazzjoni sajfija taċ-ċereali man-nevew u ma' ċereali li jiġu kkultivati fix-xitwa

Il-brassika ħadra hija pjanta adattata għal klima moderata u tikber fi klima umda u hija reżistenti għall-ġelu. Teħtieġ ħamrija fertili, b'kontenut għoli ta' materjal organiku, ta' konsistenza medja, fonda u ħafifa, ftit xotta u fl-istess ħin umda. Dawn il-kondizzjonijiet klimatiċi jinsabu f'bosta partijiet ta' Galicia.

Il-brassika ħadra hija ingredjent essenzjali f'xi uħud mill-pjatti l-iktar tipiċi ta' Galicia bħal "Caldo" jew "Pote gallego", "Cocido" u "Lacón con Grelos", u hija l-element li jiddistingwi t-tisjir ta' Galicia minn dak ta' reġjuni oħra.

Hemm bosta referenzi storiċi u gastronomiċi għal dan il-prodott, li juru influwenza qawwija fil-kultura u l-poplu ta' Galicia. Bosta awtori mil-qasam etnografiku u gastronomiku enfasizzaw unanimament il-preżenza u n-natura speċifika tal-brassika ħadra bħala punt ta' referenza fit-tradizzjoni kulinarja ta' Galicia. Bħala referenza, il-kittieb famuż Ramón Otero Pedrayo (Guía de Galicia. 1926), il-kritiku gastronomiku Ángel Muro (Almanaque y conferencias culinarias. 1890-1905), l-awtur Emilia Pardo Bazán (La cocina española antigua. 1912), Manuel María Puga y Parga (La cocina práctica. 1905) y Álvaro Cunqueiro (A cociña galega. 1973).

Fl-aħħarnett, dan il-prodott huwa msemmi bħala ħaxixa tipika ta' Galicia fl-"*Inventario Español de Productos Tradicionales*" (Inventarju Spanjol ta' prodotti tradizzjonali) ippubblikat fl-1996 mill-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Sajd u l-Ikel.

4.7. *Struttura tal-kontroll*

| | |
|---|---|
| Identità: | Instituto Galego da Calidade Alimentaria (INGACAL) |
| Indirizz: | Rúa Fonte dos Concheiros, 11 bajo.<br>15703 Santiago de Compostela<br>ESPAÑA |
| Tel. | +34 981540055 |
| Feks | +34 981540018 |
| Posta elettronika: | sxca.agri@xunta.es |

4.8. *Tikkettar*

Għall-brassika ħadra li tiġi kumerċjalizzata taħt l-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Grelos de Galicia", it-tikketta kummerċjali ekwivalenti għat-trejmark ta' kull produttur/ pakkettatur għandha tidher fuq iċ-ċertifikazzjoni. Għandhom ikollhom ukoll tikketta speċifika li turi l-indikazzjoni ġeografika, u kodiċi sekwenzjali alfanumeriku awtorizzat u maħruġ mill-awtorità ta' ispezzjoni, u l-logo uffiċjali tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta.

Kemm it-tikketta kummerċjali kif ukoll it-tikketta speċifika ta' indikazzjoni ġeografika għandhom ikollhom il-kliem "Indikazzjoni Ġeografika Protetta, Grelos de Galicia"

It-tikketta jista' jkollha l-indikazzjoni tal-istat fenoloġiku tal-pjanta, li tiddistingwi bejn "*nabizas*" u "*cimos*", kif iddikjarat fit-taqsima dwar il-deskrizzjoni tal-prodott.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-brassika ħadra li tkun suġġetta għal proċeduri diversi ta' proċessar minn dawk stipulati fl-ispeċifikazzjoni, tista' tingħata awtorizzazzjoni li jiġi ddikjarat fuq it-tikketti tagħhom li huma ppreparati b'brassika ħadra li għandha l-IĠP "Grelos de Galicia" sakemm il-materja prima hija konformi mal-ħtiġijiet fl-ispeċifikazzjoni u r-regoli relevanti stipulati fil-Manwal ta' Kwalità.

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjonijiet tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u tal-oġġetti tal-ikel**

(2009/C 72/10)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ([1]). Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

SOMMARJU

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"MOUTARDE DE BOURGOGNE"**

**Nru tal-KE: FR-PGI-005-0503-25.10.2005**

**DPO ( ) IĠP ( X )**

Dan is-sommarju jippreżenta l-elementi ewlenin tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott b'finijiet ta' informazzjoni.

1. **Dipartiment responsabbli fl-Istat Membru:**

| | |
|---|---|
| Isem: | Institut National des Appellations d'Origine (I.N.A.O.) |
| Indirizz: | 51, rue d'Anjou<br>75 008 Paris<br>FRANCE |
| Tel. | +33 153898000 |
| Feks | +33 142255797 |
| Posta elettronika: | info@inao.gouv.fr |

2. **Grupp:**

| | |
|---|---|
| Isem: | Association Moutarde de Bourgogne (AMB) |
| Indirizz: | AMB ARIA Bourgogne<br>4, Bd du Docteur Jean Veillet<br>21 000 Dijon<br>FRANCE |
| Tel. | +33 380288140 |
| Feks | +33 380288169 |
| Posta elettronika: | laure.ohleyer@cote-dor.chambagri.fr |
| Kompożizzjoni: | produtturi/proċessuri ( X ) oħrajn ( X ) |

3. **Tip ta' prodott:**

Klassi 2.6: "Pejst tal-mustarda"

4. **Speċifikazzjoni:**

(Sinteżi tar-rekwiżiti skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

4.1. *Isem*

"Moutarde de Bourgogne"

4.2. *Deskrizzjoni*

Il-mustarda ta' Bourgogne hija mustarda b'togħma qawwija jew qawwija ħafna bl-inbid abjad, ta' lewn isfar ċar u b'konsistenza ħoxna, omoġenea u kremuża. Hija kkaratterizzata minn riħa qawwija u tipika tal-inbid abjad tal-Bourgogne, punġenti u intensa kif ukoll togħma b'saħħitha ta' nbid abjad tal-Bourgogne.

4.2.1 Ingredjenti u addittivi awtorizzati:

— Żrieragħ tal-mustarda prodotti u maħżuna fil-Bourgogne

— Likwidu għad-dilwizzjoni: Magħmul mill-ilma u mill-inbid abjad tad-denominazzjoni tal-oriġini kontrollata prodott fid-dwieli tal-Bourgogne fi proporzjoni minimali ta' 25 % fil-produzzjoni. Dawn huma inbejjed bojod mhux ħelwin minn dwieli tradizzjonali tal-Bourgogne l'Aligoté u ta' Chardonnay. Il-karatteristiċi tagħhom huma t-togħma aromatika qawwija u d-dewmien tagħhom fuq il-palat.

— Melħ, zokkor, ħwawar, addittivi (dawk permessi mid-Direttiva Ewropea tal-1995 fuq l-addittivi barra l-koloranti artifiċjali, id-dqiq miċ-ċereali jew kwalunkwe stabilizzatur jew sustanzi li jħaxxnu, essenzi naturali jew artifiċjali tal-mustarda, estratt jew żejt essenzjali tal-mustarda).

4.2.2 Il-karatteristiċi fiżiko-kimiċi tal-Mustarda ta' Bourgogne:

— Estratt xott miż-żrieragħ > jew = 24 % f'piż tal-prodott finali.

— Lipidi miż-żerriegħa tal-mustarda > jew = sa 9 % f'piż tal-prodott finali.

— Il-kwantità tat-tegument residwu fil-pejst hija inqas minn 2 % tal-piż totali.

4.3. *Żona ġeografika*

Huwa obbligatorju li l-produzzjoni u l-ħżin taż-żrieragħ kif ukoll il-produzzjoni (it-trasformazzjoni) tal-pejst tal-mustarda jitwettqu fiż-żona tal-produzzjoni. Din tinkludi d-dipartimenti li jiffurmaw ir-Reġjun tal-Bourgogne, li huma Côte d'Or, Nièvre, Saône et Loire u Yonne.

Iż-żona ġeografika ġiet stabbilita abbażi tal-għarfien kompetenti lokali partikulari fil-produzzjoni taż-żrieragħ tal-mustarda u tal-inbid prodotti fil-Bourgogne, imbagħad ittrasformati f'pejst tal-mustarda, li jagħti prodott bil-karatteristiċi oriġinali (cf. il-paragrafu 4.6).

Iż-żrieragħ tal-mustarda prodotti fil-Bourgogne għandhom kwalitajiet partikulari. Dawn il-kwalitajiet ġew magħrufa matul is-sekli. It-tabib ta' François I, Charles Estienne, jisħaq li l-mustarda prodotta fil-Bourgogne hija ta' kwalità aħjar minħabba s-*sénevé* (l-isem komuni tal-pjanta taż-żrieragħ tal-mustarda). Sat-tieni gwerra dinjija, is-*sénevé* ġiet imkabbra fil-foresti u fl-ispazji vojta għall-faħam. Wara s-sajran tal-faħam tal-kannol f'dawn l-ispazji vojta, il-ħamrija kellha abbundanza ta' potassju u kienet tajba għat-tkabbir tal-mustarda (u għar-rikkezza taż-żrieragħ bl-essenza tal-mustarda) li min jieħu ħsieb il-faħam ikun ħawwel f'Marzu u ħasad f'Awwissu. Barra minn hekk, il-klima tal-Bourgogne hija semi-kontinentali u pjuttost omoġenea u għalhekk adattata għat-tkabbir tal-mustarda. Fil-fatt, it-tkabbir tal-mustarda ma jeħtieġx kwantità kbira ta' ilma. Hija tadatta ruħha tajjeb għan-nuqqas ta' ilma u għat-temperaturi għoljin. It-tmiem tal-ħarifa li jkun umdu wisq mhux tajjeb għaliha. Wara bosta deċennji fejn it-tkabbir tal-mustarda mar lura, dan reġa' ħa r-ruħ fil-Bourgogne b'inizjattiva tal- produtturi industrijali tal-pejst tal-mustarda bil-ħsieb li jikkontrollaw il-kwalità tal-produzzjoni tal-materja prima u jtejbu l-kwalità tal-prodott aħħari. Dan il-programm ta' qawmien mill-ġdid tat-tkabbir tal-mustarda jgħaqqad flimkien entitajiet ta' riċerka, il-Kamra tal-Agrikoltura tal-Côte d'Or, l-entitajiet reġjonali tal-ħżin, il-bdiewa u l-proċessuri. Ġew magħżula xi varjetajiet b'karatteristiċi speċifiċi sabiex iwieġbu kemm għall-ispeċifikazzjonijiet pedoklimatiċi tal-Bourgogne kif ukoll għall-esiġenzi kwalitattivi tal-proċessuri.

Madankollu, ġo dan l-ispazju ġiet delimitata żona fejn jista' jsir it-tkabbir taż-żerriegħa tal-mustarda. Dan l-ispazju huwa definit fir-rigward tal-kriterji ġeoloġiċi u pedoloġiċi maħsubin għall-aħjar ambjenti fejn tikber il-mustarda, jiġifieri esklużi l-ħamrija kannella u aċiduża kif ukoll il-ħamrija podolizzata mill-altitudni. It-testijiet tat-tkabbir urew li hemm limitu potenzjali f'din il-ħamrija marbut ma' mili mill-ġdid ħażin taż-żerriegħa u ż-żamma insuffiċjenti tal-Iżotjoċjanat volatili li ma jwasslux għall-pejst karatteristiku tal-mustarda.

4.4. *Prova tal-oriġini*

It-traċċabbiltà hija assigurata matul il-proċess tal-produzzjoni tal-mustarda tal-Bourgogne, mill-qasam sal-pejst ikkundizzjonat, permezz ta' dokumenti kkodifikati. Iż-żrieragħ tal-mustarda jinġabru biss mill-oqsma li huma parti miż-żona tat-tkabbir permessi għall-IĠP. Dawn l-oqsma għandhom jirrispettaw il-kriterji tal-għażla stabbiliti mill-pjan tal-produzzjoni. Il-bdiewa iwasslu l-produzzjoni tagħhom lil entitajiet tal-ħżin li jinsabu fil-Bourgogne. Il-ħaddiema kollha involuti fil-produzzjoni taż-żrieragħ tal-mustarda, il-ħżin u l-proċess huma marbuta b'dokumenti kkodifikati. Rigward iż-żrieragħ tal-mustarda u l-pejst ikkundizzjonat, jiġu mwettqa eżaminazzjonijiet analitiċi matul il-fabbrikazzjoni.

4.5. *Metodu ta' produzzjoni*

Il-varjetajiet taż-żrieragħ magħżula mill-Assoċjazzjoni tal-Mustarda ta' Bourgogne (AMB) u li ġejjin mill-ispeċi Brassica juncea b'"tegument kannella", Brassica juncea b'"tegument bjond" u Brassica nigra biss huma awtorizzati għat-tkabbir taż-żerriegħa tal-mustarda. Ġie stabbilit pjan ta' produzzjoni li jerġa' jara l-uċuħ għat-tkabbir, l-għażla tal-oqsma u t-taħwil fiż-żona tal-IĠP. Waqt il-ħsad, iż-żrieragħ jaslu għand entità tal-ħżin li tinsab fil-Bourgogne u li tiżgura t-traċċabbiltà, it-tindif u l-ħżin taż-żrieragħ.

F'dan l-istadju l-lottijiet taż-żrieragħ ikunu suġġetti għall-approvazzjoni li tara li l-kriterji li ġejjin ikunu rispettati:

— Oriġini mill-Bourgogne taż-żrieragħ u tal-varjetajiet magħżula mill-AMB

— Preżenza ta' żrieragħ ħodor jew li għadhom mhux misjura limitata għal massimu ta' 1,5 % (gradi I u II)

— Preżenza ta' żrieragħ barranin: Massimu ta' 0,3 % jekk huwa grad I, massimu ta' 0,5 % jekk huwa grad II

— Nuqqas ta' insetti, ta' moffa, nuqqas ta' sħana

— Tkabbir taż-żrieragħ: Piż ta' elf żerriegħa (PMG) > 2,35 g (PMG > 2 g jekk f'kundizzjonijiet klimatiċi speċjali)

— Ilma u materjal volatili: 4,2 sa 9 % f'massa

— Xaħam: 28 sa 42 % f'massa fin-niexef

— Iżotjoċjanat volatili: 0,7 sa 0,94 % f'massa fin-niexef

— Proteini: 24,2 sa 30,8 % f'massa fin-niexef

Wara din l-approvazzjoni, iż-żrieragħ jiġu mħejjija u mibgħuta lill-produtturi industrijali li jinsabu fiż-żona ġeografika. Iż-żrieragħ jiġu mitħuna u jitpoġġew flimkien ma' likwidu għad-dilwizzjoni (ilma +inbid). L-inbid użat huwa inbid abjad ta' denominazzjoni tal-oriġini kkontrollata prodott fid-dwieli tal-Bourgogne. Dan l-istadju jippermetti l-estrazzjoni tal-għadma taż-żerriegħa u jikkostitwixxi l-ewwel pejst tal-mustarda. Dan il-pejst jiġi mgħarbel sabiex jiġu eliminati t-tegumenti taż-żerriegħa. B'hekk jinkiseb il-pejst ta' lewn isfar ċar b'konsistenza ħoxna, omoġenea u kremuża u li tiġi "diżarjata". Wara dan l-istadju jkun hemm waqfa li tagħti lok għall-iżvilupp tat-togħma punġenti li jkollha l-mustarda. Imbagħad, il-pejst jiġi maħżun u kkundizzjonat.

4.6. *Rabta*

Ir-rabta mal-oriġini ġeografika qiegħda fl-għarfien kompetenti reġjonali antik, it-tkabbir storiku taż-żerriegħa tal-mustarda fil-Bourgogne, rabta storika b'saħħitha bejn il-mustarda u l-vinja tal-Bourgogne, kif ukoll reputazzjoni antika.

4.6.1 Kwalità determinata

Il-"Moutarde de Bourgogne", ikkaratterizzata minn togħma punġenti u intensa, tinkiseb bit-taħlit taż-żrieragħ tal-mustarda prodotti u maħżuna fil-Bourgogne, u likwidu għad-dilwizzjoni magħmul mill-ilma, mill-melħ, zokkor, ħwawar u mill-inqas 25 % ta' nbejjed bojod mhux ħelwin li ġejjin mid-dwieli tradizzjonali tal-Bourgogne. Dawn l-inbejjed bojod huma kkaratterizzati mit-togħma aromatika u qawwija tagħhom u mid-dewmien tagħhom fuq il-palat, u lill-mustarda tal-Bourgogne jagħtuha r-riħa qawwija u tipika tagħha kif ukoll it-togħma b'saħħitha tal-inbid abjad tal-Bourgogne li tiddistingwiha minn mustardi oħra. L-estratt li ma jkunx ħelu u l-lipidi li ġejjin miż-żrieragħ iridu jkunu superjuri għal 24 % u 9 % rispettivament.

### 4.6.2 Reputazzjoni

Ir-rabtiet storiċi bejn il-Bourgogne u l-mustarda huma stretti. Jingħad li fl-1336, waqt festa organizzata f'Rouvres mid-Duka Eudes IV tal-Bourgogne, għall-unur ta' Filippu VI, ġiet ikkunsmata "poinçon" mustarda (206,75 l). Sa mis-seklu XVI, l-istatuti jiddefinixxu l-korporazzjoni ta' min jagħmel il-mustarda (dawk tal-belt ta' Dijon fl-1634 jew dawk tal-Belt ta' Beaune fl-1647). Sas-seklu XIX, il-fabbrikazzjoni baqgħet attiva fil-ħwienet żgħar tax-xogħol. Wara dan, ir-rivoluzzjoni industrijali laqtet l-industrija tal-mustarda. Il-fabbrikanti tal-Bourgogne kienu jgħaddu lil kulħadd fl-inġenjożità, u wieħed jista' jsemmi lil M. Grey, fabbrikant minn Dijon li fl-1850 għarraf lill-Akkademja tal-Arti, tax-Xjenza u tal-Letteratura b'makkinarju li jżid il-produttività b'mod sinifikanti. Bejn l-1750 u l-1984 kien hemm 263 fabbrikant tal-mustarda. Din id-densità ma tinsab fl-ebda reġjun Franċiż ieħor.

It-tkabbir taż-żerriegħa tal-mustarda fil-Bourgogne għandu wkoll storja b'għeruq f'saħħithom ladarba Charles Estienne, it-tabib ta' Francois I, kien iqis li l-kwalità tal-mustarda tal-Bourgogne hija ferm aqwa minħabba li fiha s-*sénevé* "li jaħseb li huwa l-aqwa fil-pajjiżi kollha".

L-inbid u l-mustarda għandhom rabta b'saħħitha bejniethom. Fl-1911, A. Berthiot jattribwixxi l-fama tal-mustarda għall-kwalità tal-fabbrikazzjoni tagħha li, skont hu, tinkludi t-tħin tal-aqwa żrieragħ u l-emulsjoni ġo likwidu speċjali tal-Bourgogne: il-*verjus*, xorta ta' nbid aħdar ħafna, li jinkiseb bl-ippressar tal-għeneb abjad mhux totalment misjur. Wara li l-pjanti li jipproduċu dan l-għeneb inqerdu bil-Phylloxera, il-fabbrikanti daru għall-inbejjed bojod żgħar u aċidużi. Dawn għebu wkoll, u ġew mibdula ma' dwieli nobbli u mlaqqma. L-użu tal-inbid abjad, minflok il-ħall, jagħti l-karatteristiċi organolettiċi tipiċi tal-mustarda.

Dawk li jagħmlu l-mustarda bdew jużaw l-isem "Moutarde de Bourgogne" minn kmieni. Għaldaqstant wieħed jista' jsib ir-reġistrazzjoni fl-1891 fil-Qorti ta' Sens (89) tat-tikketta "Moutarde de Bourgogne, extra-blanche supérieure" (Mustarda ta' Bourgogne, bajda ħafna u superjuri) u fl-1903, fil-Qorti Kummerċjali ta' Dijon instabet it-tikketta "Moutarde Jacquemart au pur verjus de Bourgogne" (Il-Mustarda Jacquemart bil-*verjus* pur tal-Bourgogne). Barra mid-denominazzjoni, il-ħsieb wara r-referenza għall-Bourgogne u l-istorja tagħha fl-għażla tat-tikketti juri l-importanza li dejjem kellha l-mustarda tal-Bourgogne. Wieħed jista' jikkwota t-tikketti "Jean sans Peur", "Téméraire" , "Moutarde à la cuillère de la Belle Bourguignonne", "La Bourguignonne" .

### 4.6.3 Xi fatturi umani, għarfien espert partikulari

Sat-tieni gwerra dinjija, it-tkabbir taż-żerriegħa tal-mustarda fil-Bourgogne jibqa' importanti. Wara l-1945, il-produtturi industrijali jippruvaw iżommu din il-produzzjoni fir-reġjun. F'dan ir-rigward is-sindikat tal-fabbrikanti tal-mustarda ppubblika fuljett fuq it-tkabbir tal-mustarda. Il-kompetizzjoni tal-pjanti taż-żejt l-oħra u s-suq dinji xprunaw dawn l-inizjattivi.

Wieħed għandu jistenna l-bidu tas-snin 90 sabiex it-tkabbir taż-żerriegħa jerġa' jieħu r-ruħ b'mod sinifikanti. Bħalissa, fit-tħassib tas-settur jingħaqdu:

— L-industrijalisti li jfittxu diversifikazzjoni tas-sorsi ta' provvista tagħhom u ċertu kontroll tal-kwalità tal-produzzjoni tal-materja prima. Għaldaqstant, huma jixtiequ jorjentaw l-evoluzzjoni taż-żerriegħa sabiex titjieb il-kwalità tal-prodott aħħari;

— Il-bdiewa li jfittxu l-possibbiltà li jiddiversifikaw il-produzzjonijiet tagħhom u jivvalorizzawhom fuq livell reġjonali.

Għalhekk ġie mwaqqaf kumitat ta' direzzjoni sabiex imexxi u jara li jirnexxa r-rilanċ tat-tkabbir:

— L-Istabbiliment Nazzjonali għat-Tagħlim Superjuri Agronomu ta' Dijon u l-Istitut Nazzjonali ta' Riċerka Agronoma għar-Riċerka Ġenetika: it-titjib tal-produttività, il-kwalità speċifika taż-żerriegħa skont il-kriterji definiti mill-AMB;

— Il-Kamra tal-Agrikoltura tal-Côte d'Or għar-Riċerka applikata u għall-esperimentazzjoni;

— L-entitajiet reġjonali għall-ħżin għal-loġistika tal-ħsad u l-kundizzjonament taż-żerriegħa;

— Il-bdiewa, li jittestjaw, f'kundizzjonijiet naturali, ir-referenzi żviluppati fuq il-pjattaformi sperimentali u jikkultivaw il-kwantitajiet suffiċjenti taż-żrieragħ biex il-bdiewa jwettqu t-testijiet tal-fabbrikazzjoni;

— Il-Federazzjoni Franċiża tal-produtturi industrijali tal-laħam, tal-kejterers u l-proċessuri tal-laħam u l-produtturi industrijali li jwettqu diversi testijiet ta' fabbrikazzjoni: testijiet pilota, semi-industrijali u industrijali.

Din il-kooperazzjoni tat lok għar-referenza ta' żewġ varjetajiet għas-sistema tal-IĠP.

Parallela ma' din ir-riċerka, il-produzzjoni żviluppat billi bejn wieħed u ieħor fl-1993 għaddiet minn 350 ettaru għal 1 230 ettaru fl-2003.

4.7. *Organu ta' spezzjoni*

| | |
|---|---|
| Isem: | CERTIPAQ |
| Indirizz: | 44, rue La Quintinie<br>75015 Paris<br>FRANCE |
| Tel. | +33 145309292 |
| Feks | +33 145309300 |
| Posta elettronika: | certipaq@certipaq.com |

4.8. *Tikkettar*

It-tikkettar għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

— Denominazzjoni tal-bejgħ: "Moutarde de Bourgogne"

— Il-logo IĠP

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel**

(2009/C 72/11)

Din il-publikazzjoni tikkonferixxi d-dritt għal oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ([1]). Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

SOMMARJU

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**"ŠTAJERSKO PREKMURSKO BUČNO OLJE"**

**Nru KE: SI-PGI-0005-0418-29.10.2004**

**DPO ( ) IĠP ( X )**

Dan is-sommarju jistabbilixxi l-elementi ewlenin tal-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott għall-finijiet ta' informazzjoni.

1. **Id-dipartiment responsabbli fl-Istat Membru:**

| | |
|---|---|
| L-isem: | Ministrstvo za kmetijstvo, gozdarstvo in prehrano RS |
| L-indirizz: | Dunajska 58<br>SI-1000 Ljubljana<br>SLOVENIJA |
| Tel. | +386 14789109 |
| Feks | +386 14789055 |
| Posta elettronika: | varnahrana.mkgp@gov.si |

2. **L-applikant**

| | |
|---|---|
| L-isem: | GOLICA GIZ |
| L-indirizz: | Trg svobode 3,<br>SI-2310 Slovenska Bistrica<br>SLOVENIJA |
| Tel. | +386 28432611 |
| Feks | +386 28432613 |
| Posta elettronika: | — |
| Il-kompożizzjoni: | Il-produtturi/il-proċessuri ( X ) Oħrajn ( ) |

3. **It-tip ta' prodott:**

Il-klassi: 1.5 Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, żejt, eċċ.)

4. **L-ispeċifikazzjonijiet:**

(Sommarju tar-rekwiżiti skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

4.1. *L-isem*

"Štajersko prekmursko bučno olje"

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

4.2. *Id-deskrizzjoni*

Is-Štajersko prekmursko bučno olje huwa żejt veġetali mhux irfinut li jittiekel, li jiġi prodott billi tiġi ppressata żerriegħa tal-qara' aħmar tal-ogħla kwalità nkaljata li tinkiseb mill-qara' aħmar taż-żejt.

Is-Štajersko prekmursko bučno olje huwa ta' kulur ħadrani skur li jagħti għall-aħmar u għandu riħa u togħma aromatiċi karatteristiċi. Għandu kompożizzjoni tajba ta' aċidi grassi: fih madwar 20 % aċidi grassi saturizzati, madwar 35 % aċidi grassi monoinsaturizzati u madwar 45 % aċidi grassi poliinsaturizzati.

Is-Štajersko prekmursko bučno olje huwa wkoll sors rikk ta' tocopherols, minħabba li għal kull 100 g ta' żejt fih madwar 50 mg ta' vitamina E. Iż-żejt fih ukoll vitamini, mikroelementi, karotenodji, aċidi aminiċi rari u kulur naturali (klorofilla) oħrajn.

4.3. *Iż-żona ġeografika*

Ir-reġjun li fih isir is-Štajersko prekmursko bučno olje miż-żerriegħa tal-qara' aħmar huwa delimitat b'linja li tgħaddi minn Dravograd għal Slovenj Gradec, Mislinja u Velenje (fejn it-triq prinċipali tifforma l-fruntiera), Šoštanj, Mozirje, Nazarje, Vransko, Prebold, Zabukovica u Laško. Minn hemm, il-fruntiera tibqa' sejra max-xmajjar ta' Savinja u Sava u tgħaddi biswit Radeče, Sevnica, Krško u Brežice sa Obrežje, u mbagħad tibqa' sejra mal-fruntiera nazzjonali mal-Kroazja sal-fruntiera nazzjonali mal-Ungerija, u mal-fruntiera nazzjonali mal-Ungerija sal-fruntiera nazzjonali mal-Awstrija, u mbagħad mal-fruntiera nazzjonali ta' mal-Awstrija (matul il-katina tal-Karavanke) lura għal Dravograd.

4.4. *Il-prova ta' oriġini*

Il-produtturi kollha tas-Štajersko prekmursko bučno olje jridu jkunu rreġistrati fi ħdan ir-reġjun stipulat u jridu jipproċessaw iż-żerriegħa tal-qara' aħmar f'żejt tal-qara' aħmar skont l-ispeċifikazzjoni. Iridu jżommu reġistri tal-bejjiegħ u tal-kwantità ta' żerriegħa tal-qara' aħmar għal kull bejjiegħ individwali taż-żerriegħa tal-qara' aħmar, u tad-data tal-analiżi, ir-riżultati tal-analiżi kimika, u l-parametri fiżiċi u kimiċi. Il-produtturi jridu jżommu wkoll rapporti dwar il-proċessi tal-produzzjoni li jistabbilixxu l-konsum tal-materja prima, il-konsum ta' materjali u l-kwantità taż-żejt tal-qara' aħmar prodott.

Dawn il-fatturi kollha huma kkontrollati minn korp ta' ċertifikazzjoni akkreditat skont l-istandard Ewropew EN 45011.

4.5. *Il-metodu tal-produzzjoni*

Jistgħu jintużaw diversi tipi ta' żerriegħa tal-qara' aħmar biex jiġi prodott is-Štajersko prekmursko bučno olje, imma jridu jilħqu r-rekwiżiti tal-kwalità stipulati.

Din iż-żerriegħa tal-qara' ħamra tista' tikber barra miż-żona ġeografika stipulata imma trid tiġi pproċessata fis-Štajersko prekmursko bučno olje fi ħdan iż-żona ġeografika stipulata.

1. Il-ġbir taż-żerriegħa tal-qara' aħmar (testijiet fuq il-parametri fiżiko-kimiċi (l-impuritajiet, il-kontenut tal-umdità, il-kontenut taż-żejt, il-proporzjon ta' żerriegħa mħassra) u d-dehra).
2. Il-ħażna taż-żerriegħa.
3. It-tindif taż-żerriegħa (it-tneħħija tal-impuritajiet).
4. It-tnixxif taż-żerriegħa biex ikollha kontenut tal-umdità ta' 6-7 %.
5. It-titħin taż-żerriegħa.
6. L-għaġna.
7. L-inkaljar taż-żerriegħa (temperatura massima tal-massa nkaljata 120 °C, 30-60 minuta).
8. L-ippressar tal-massa nkaljata.
9. Is-sedimentazzjoni taż-żejt tal-qara' aħmar.
10. Il-kontroll tal-kwalità (analiżi fiżiko-kimika u analiżi organolettika).
11. L-ibbottiljar u t-tikkettjar.

4.6. *Rabta*

Is-Štajersko prekmursko bučno olje huwa speċjalità tal-ikel taż-żona ġeografika stabbilita fil-punt 4.3. Il-produzzjoni taż-żejt miż-żerriegħa tal-qara' aħmar f'Štajerska u Prekmurje hija tradizzjoni, kif jixhdu r-reġistri bil-miktub ta' meta twaqqfet l-ewwel pressa taż-żejt taż-żerriegħa tal-qara' aħmar fi Fram fl-1750. Il-produzzjoni fuq skala kbira ta' żerriegħa tal-qara' aħmar fir-reġjun wasslet għall-istabbiliment ta' diversi fabbriki li permezz ta' metodi artiġjanali jipproċessaw ż-żerriegħa tal-qara' aħmar f'żejt (Slovenska Bistrica, Središče ob Dravi, Selo pri Pragerskem, eċċ. Fl-1904 Albert Stigar beda fabbrika fi Slovenska Bistrica għall-ipproċessar taż-żerriegħa tal-qara' aħmar f'żejt miż-żerriegħa tal-qara' aħmar permezz ta' metodi artiġjanali. Fi Prekmurje mhemmx impjanti tal-ipproċessar iżda impjanti żgħar biss li huma tal-bdiewa. Impjant ta' dan it-tip huwa l-Feri Vučak fi Vadarci f'Goričko. L-impjant tat-tħin/ipproċessar tiegħu għadu hemm wara 130 sena u issa qed jitħaddem permezz tar-raba' ġenerazzjoni tal-familja tiegħu.

Ir-reputazzjoni tas-Štajersko prekmursko bučno olje qed tinfirex lil hinn mis-Slovenja f'pajjiżi Ewropej oħrajn, fl-Istati Uniti tal-Amerka, fl-Awstralja, fir-Russja eċċ, kif deher, fost l-oħrajn, bil-premju li rebaħ għall-iktar prodott innovattiv prodott fil-kompetizzjoni tal-IFE07 (l-Avveniment internazzjonali tal-ikel u x-xorb) f'Londra fl-2007.

4.7. *Il-korp ta' spezzjoni*

| | |
|---|---|
| L-isem: | Bureau Veritas d.o.o. |
| L-indirizz: | Linhartova 49a<br>SI-1000 Ljubljana<br>SLOVENIJA |
| Tel. | +386 14757670 |
| Feks | +386 14747602 |
| Posta elettronika: | info@bureauveritas.si |

4.8. *It-tikkettjar*

Jekk is-Štajersko prekmursko bučno olje jiġi ppakkjat fiż-żona ġoegrafika, kull produttur jista' juża l-ippakkjar u t-tikkettjar tiegħu, imma l-isem protett Štajersko prekmursko bučno olje, il-logo kulurit Štajersko Prekmursko Bučno Olje u s-simbolu Komunitarju korrispondenti jew is-simbolu nazzjonali ta' kwalità għandu jkun immarkat fuq it-tikketta jew x'imkien ieħor.

Jekk il-prodott jiġi ppakkjat barra miż-żona ġoegrafika stipulata, għandha tkun iggarantita t-traċċabbiltà għas-sors ta' Štajersko prekmursko bučno olje. F'dan il-każ ukoll, Štajersko prekmursko bučno olje ppakkjat għandu jkun immarkat bl-isem protett, bil-logo u bis-simbolu Komunitarju korrispondenti.